# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 257

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 65

4 ta' Lulju 2022


Werrej

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea**


2022/C 257/01 L-aħħar pubblikazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* . . . . . 1


V *Avviżi*

PROĊEDURI TAL-QORTI

**Il-Qorti tal-Ġustizzja**


2022/C 257/02 Kawża C-573/19: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tat-12 ta' Mejju 2022 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Taljana (Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu – Ambjent – Direttiva 2008/50/KE – Kwalità tal-arja ċirkostanti – Artikolu 13(1) u Anness XI – Qbiż sistematiku u kontinwu tal-valuri limitu ffissati għad-dijossidu tal-karbonju (NO2) f'ċerti żoni u agglomerazzjonijiet Taljani – Artikolu 23(1) – Anness XV – Perijodu ta' qbiż "l-iqsar possibbli" – Miżuri xierqa) . . . . . . 2

2022/C 257/03 Kawża C-730/19: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tat-12 ta' Mejju 2022 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Bulgarija ("Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu – Ambjent – Direttiva 2008/50/KE – Kwalità tal-arja ambjentali – Artikolu 13(1) u Anness XI – Qbiż sistematiku u persistenti tal-valuri limitu stabbiliti għad-diossidu tal-kubrit (SO2) fiż-żona BG0006 (ix-Xlokk), il-Bulgarija – Artikolu 23(1) u Anness XV – Perijodu 'l-iqsar possibbli' li fih jinqabżu l-valuri limitu – Miżuri xierqa") . . . . . 3


MT

2022/C 257/04 Kawża C-260/20 P: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tat-12 ta' Mejju 2022 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Hansol Paper Co. Ltd, European Thermal Paper Association (ETPA) (Appell – Dumping – Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/763 – Importazzjonijiet ta' ċerta karta termali ħafifa li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea – Dazju antidumping definittiv – Regolament (UE) 2016/1036 – Artikoli 6, 16, 18 – Prova – Informazzjoni pprovduta barra minn risposta għal kwestjonarju antidumping – Teħid inkunsiderazzjoni tal-bejgħ li jaffettwa l-kalkolu tad-dumping – Artikolu 2(1) u (3) – Kalkolu tal-valur normali – Ġerarkija bejn il-metodi ta' kalkolu – Artikolu 3(2) u (3) – Dannu – Kalkolu tal-marġni ta' undercutting – Appell inċidentali – Artikolu 2(11) – Portata reali tad-dumping – Artikolu 18 – Eżenzjoni milli tingħata risposta għal kwestjonarju antidumping – Assenza ta' nuqqas ta' kooperazzjoni) . . . . . 3

2022/C 257/05 Kawża C-377/20: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tat-12 ta' Mejju 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Consiglio di Stato – l-Italja) – Servizio Elettrico Nazionale SpA, ENEL SpA, Enel Energia SpA vs Autorità Garante della Concorrenza e del Mercato *et* (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kompetizzjoni – Pożizzjoni dominanti – Sfruttament abbużiv – Artikolu 102 TFUE – Effett ta' prattika fuq il-benesseri tal-konsumaturi u fuq l-istruttura tas-suq – Prattika ta' esklużjoni abbużiva – Kapaċità ta' prattika li tipproduċi effett ta' esklużjoni – Użu ta' mezzi li ma humiex dawk li jaqgħu taħt il-kompetizzjoni fuq il-mertu – Impossibbiltà għal kompetitur ipotetiku daqstant effikaċi li jirreplika l-prattika – Eżistenza ta' intenzjoni antikompetittiva – Ftuħ għall-kompetizzjoni tas-suq tal-bejgħ tal-elettriku – Trasferiment ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva fi ħdan grupp ta' kumpanniji sabiex f'suq tinżamm pożizzjoni dominanti li ntirtet minn monopolju legali – Imputabbiltà tal-aġir tas-sussidjarja lill-kumpannija omm) . . . . . 4

2022/C 257/06 Kawża C-426/20: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tat-12 ta' Mejju 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal Judicial da Comarca de Braga – Juízo do Trabalho de Barcelos – il-Portugall) – GD, ES vs Luso Temp – Empresa de Trabalho Temporário SA (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika soċjali – Direttiva 2008/104/KE – Xogħol temporanju – Artikolu 5(1) – Prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament – Artikolu 3(1)(f) – Kunċett ta' "kundizzjonijiet bażiċi tax-xogħol u tal-impjieg tal-ħaddiema temporanji" – Allowance dovuta għal ġranet ta' leave annwali mħallas mhux meħud u għal bonus tal-vaganzi korrispondenti fil-każ ta' terminazzjoni tar-relazzjoni tax-xogħol) . 5

2022/C 257/07 Kawża C-430/20 P: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tat-12 ta' Mejju 2022 – Christoph Klein vs Il-Kummissjoni Ewropea (Appell – Artikolu 265 TFUE – Rikors għal nuqqas li tittieħed azzjoni – Direttiva 93/42/KEE – Mezzi mediċi – Artikolu 8(1) u (2) – Proċedura ta' klawżola ta' salvagwardja – Notifika minn Stat Membru ta' deċiżjoni li tipprojbixxi t-tqegħid fis-suq ta' mezz mediku – Nuqqas fit-tul ta' reazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea – Assenza ta' deċiżjoni – Ammissibbiltà – Locus standi – Terminu għall-preżentata ta' rikors – Sejħa għal teħid ta' azzjoni f'terminu raġonevoli – Prinċipju ta' amministrazzjoni tajba – Obbligu ta' motivazzjoni li jaqa' fuq il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea) . . . . . 6

2022/C 257/08 Kawża C-505/20: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tat-12 ta' Mejju 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-iSpetsializiran nakazatelen sad – il-Bulgarija) – Proċeduri mibdija minn RR, JG (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali – Iffriżar u konfiska tal-mezzi u tar-rikavat mill-kriminalità fl-Unjoni Ewropea – Direttiva 2014/42/UE – Artikolu 4 – Konfiska – Artikolu 7 – Iffriżar – Artikolu 8 – Garanziji proċedurali – Iffriżar u konfiska ta' beni ta' terzi fil-proċeduri kriminali – Leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tipprevedix rimedju għal terzi matul il-proċeduri ġudizzjarji u li ma tippermettix ir-restituzzjoni eventwali tal-imsemmi beni qabel l-għeluq tal-proċeduri kriminali) . . . . . 6

2022/C 257/09 Kawża C-556/20: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tat-12 ta' Mejju 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Conseil d'État – Franza) – Schneider Electric SA *et* vs Premier ministre, Ministre de l'Economie, des Finances et de la Relance (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet – Direttiva 90/435/KEE – Sistema fiskali komuni applikabbli għall-kumpanniji omm u sussidjarji ta' Stati Membri differenti – Artikolu 4 u Artikolu 7(2) – Prevenzjoni tat-taxxa doppja ekonomika tad-dividendi) . . . . . 7

2022/C 257/10 Kawża C-570/20: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-5 ta' Mejju 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Cour de cassation – Franza) – proċeduri kriminali kontra BV (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Direttiva 2006/112/KE – Ħabi frawdolenti tat-taxxa dovuta – Sanzjonijiet – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi sanzjoni amministrattiva u sanzjoni kriminali għall-istess fatti – Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Artikolu 49 – Artikolu 50 – Prinċipju ta' ne bis in idem – Artikolu 52(1) – Limitazzjonijiet imposti fuq il-prinċipju ta' ne bis in idem – Rekwiżit li jiġu pprovduti regoli ċari u preċiżi – Possibbiltà li tittieħed inkunsiderazzjoni l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali mill-qrati nazzjonali – Neċessità li jiġu previsti regoli li jiżguraw il-proporzjonalità tas-sanzjonijiet imposti kollha – Sanzjonijiet ta' natura differenti) . . . . . 8

| | | |
|---|---|---|
| 2022/C 257/11 | Kawża C-644/20: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tat-12 ta' Mejju 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tas-Sąd Okręgowy w Poznaniu – il-Polonja) – W. J. vs L. J. u J. J., legalment irrappreżentati minn A. P., (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili – Ġurisdizzjoni, liġi applikabbli, rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment – Determinazzjoni tal-liġi applikabbli – Protokoll ta' Den Haag dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi ta' manteniment – Artikolu 3 – Residenza abitwali ltal-kreditur – Mument li fih tiġi ddeterminata r-residenza abitwali – Żamma illegali ta' wild) | 8 |
| 2022/C 257/12 | Kawża C-718/20 P: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tal-5 ta' Mejju 2022 – Zhejiang Jiuli Hi-Tech Metals Co. Ltd vs Il-Kummissjoni Ewropea (Appell – Dumping – Importazzjonijiet ta' ċerti pajpijiet u tubi mingħajr saldaturi tal-azzar li ma jissaddadx li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina – Impożizzjoni ta' dazju antidumping definittiv) | 9 |
| 2022/C 257/13 | Kawża C-719/20: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tat-12 ta' Mejju 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Consiglio di Stato – l-Italja) – Comune di Lerici vs Provincia di La Spezia (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kuntratti pubbliċi – Immaniġġar ta' skart – Għoti in house – Direttiva 2014/24/UE – Artikoli 12 u 72 – Telf tal-kundizzjonijiet ta' "kontroll simili" wara aggregazzjoni ta' impriżi – Possibbiltà għall-operatur sussegwenti li jkompli l-provvista ta' servizz) | 9 |
| 2022/C 257/14 | Kawża C-101/21: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tal-5 ta' Mejju 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tan-Nejvyšší správní soud – Ir-Repubblika Ċeka) – HJ vs Ministerstvo práce a sociálních věcí (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika soċjali – Direttiva 2008/94/KE – Protezzjoni tal-ħaddiema impjegati fil-każ ta' insolvenza tal-persuna li timpjega – Artikolu 2(2) – Kunċett ta' "impjegat" – Artikolu 12(a) u (ċ) – Limiti għar-responsabbiltà tal-istituzzjonijiet ta' garanzija – Persuna li teżerċita, abbażi ta' kuntratt ta' xogħol konkluż ma' kumpannija kummerċjali, il-funzjonijiet ta' membru tal-bord tad-diretturi u ta' direttur ta' din il-kumpannija – Kumulu ta' funzjonijiet – Ġurisprudenza nazzjonali li tirrifjuta lil din il-persuna l-benefiċċju tal-garanziji previsti minn din id-direttiva) | 10 |
| 2022/C 257/15 | Kawża C-179/21: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tal-5 ta' Mejju 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Bundesgerichtshof – il-Ġermanja) – absoluts-bikes and more- GmbH & Co. KG vs the-trading-company GmbH (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni tal-konsumaturi – Direttiva 2011/83/UE – Artikolu 6(1)(m) – Kuntratt mill-bogħod bejn konsumatur u kummerċjant – Obbligu tal-kummerċjant li jinforma lill-konsumatur bl-eżistenza ta' garanzija kummerċjali tal-produttur u bil-kundizzjonijiet relatati magħha – Kundizzjonijiet li fihom jinħoloq tali obbligu – Kontenut tal-informazzjoni li għandha tiġi kkomunikata lill-konsumatur dwar il-garanzija kummerċjali tal-produttur – Effett tal-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 1999/44/KE) | 11 |
| 2022/C 257/16 | Kawża C-189/21: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tal-5 ta' Mejju 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-College van Beroep voor het bedrijfsleven – il-Pajjiżi l-Baxxi) – R. en R. vs Minister van Landbouw, Natuur en Voedselkwaliteit (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika Agrikola Komuni (PAK) – Regolament (UE) Nru 1306/2013 – Anness II – Rekwiżit statutorju ta' ġestjoni – Regolament (UE) Nru 1107/2009 – L-ewwel paragrafu u l-ewwel sentenza tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 55 – Skemi ta' appoġġ dirett – Regoli komuni – Tnaqqis jew esklużjoni tal-għajnuna kollha jew ta' parti mill-għajnuna rċevuta taħt il-PAK – Nuqqas ta' osservanza tar-regoli ta' kundizzjonalità – Użu ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti li ma huwiex jew ma għadux awtorizzat fl-Istat Membru kkonċernat u, f'dan l-aħħar każ, li t-terminu għall-użu tiegħu nqabeż) | 12 |
| 2022/C 257/17 | Kawża C-218/21: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tal-5 ta' Mejju 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tas-Supremo Tribunal Administrativo – il-Portugall) – Autoridade Tributária e Aduaneira vs DSR – Montagem e Manutenção de Ascensores e Escadas Rolantes SA (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Tassazzjoni – Taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Direttiva 2006/112/KE – Rati – Dispożizzjonijiet temporanji għal ċerti servizzi li jinvolvu xogħol intensiv – Anness IV, punt 2 – Rinnovazzjoni u tiswija ta' akkomodazzjonijiet privati – Applikazzjoni ta' rata mnaqqsa tal-VAT għas-servizzi ta' tiswija u ta' manutenzjoni ta' liftijiet ta' immobbli residenzjali) | 12 |
| 2022/C 257/18 | Kawża C-242/21 P: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tat-12 ta' Mejju 2022 – Évariste Boshab vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Appell – Politika estera u ta' sigurtà komuni – Miżuri restrittivi meħuda kontra ċerti persuni u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo – Regolament (KE) Nru 1183/2005 – Artikolu 2b u Artikolu 9(2) – Deċiżjoni 2010/788/PESK – Artikolu3 (2) u Artikolu 9(2) – Żamma tal-inklużjoni tar-rikorrent fil-listi ta' persuni u entitajiet ikkonċernati – Deċiżjoni (PESK) 2018/1940 – Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1931 – Dritt għal smigħ) | 13 |

| | | |
|---|---|---|
| 2022/C 257/19 | Kawża C-787/21: Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tas-17 ta’ Mejju 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tas-Supremo Tribunal Administrativo – Il-Portugall) – Estaleiros Navais de Peniche SA vs Município de Aveiro, Navaltagus – Reparação e Construção Naval SA, Navalrocha – Sociedade de Construção e Reparações Navais SA (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – proċeduri ta’ reviżjoni għall-għoti ta’ kuntratti ta’ provvista pubblika u xogħlijiet pubbliċi – Direttiva 89/665/KEE – Artikolu 1(3) – Interess ġuridiku – Aċċess għal proċeduri ta’ reviżjoni – Offerent eskluż b’deċiżjoni tal-awtorità kontraenti li saret finali, minħabba li ma kkontestax ir-raġunijiet kollha għaċ-ċaħda tal-offerta tiegħu – Assenza ta’ interess ġuridiku) . . . . | 14 |
| 2022/C 257/20 | Kawża C-468/20: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consiglio di Stato (l-Italja) fid-29 ta’ Settembru 2020 – Fastweb SpA *et* vs Autorità per le Garanzie nelle Comunicazioni . . . . | 14 |
| 2022/C 257/21 | Kawża C-517/20: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale di Ascoli Piceno (l-Italja) fit-13 ta’ Ottubru 2020 – Proċeduri kriminali kontra OL . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . | 16 |
| 2022/C 257/22 | Kawża C-705/20: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Income Tax Tribunal of Gibraltar (ir-Renju Unit) fil-21 ta’ Diċembru 2020 – Fossil (Gibraltar) Limited vs Commissioner of Income Tax | 17 |
| 2022/C 257/23 | Kawżi magħquda C-529/21, C-530/21, C-531/21, C-532/21, C-533/21, C-534/21, C-535/21 u C-536/21: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Rayonen sad – Kula (il-Bulgarija) fil-25 ta’ Awwissu 2021 – OP, MN, KL, IJ, GH, EF, CD u AB vs Glavna direktsia “Pozharna bezopasnost i zashtita na naselenieto” kam Ministerstvo na vatreshnite raboti . . . . . . . . . . . . . . . . | 17 |
| 2022/C 257/24 | Kawżi magħquda C-732/21, C-733/21, C-734/21, C-735/21, C-736/21, C-737/21 u C-738/21: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Rayonen sad – Kula (il-Bulgarija) fit-30 ta’ Novembru 2021 – AB, BC, CD, DE, EF, FG u GH vs Glavna direktsia “Pozharna bezopasnost i zashtita na naselenieto” kam Ministerstvo na vatreshnite raboti . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . | 18 |
| 2022/C 257/25 | Kawża C-764/21 P: Appell ippreżentat fl-10 ta’ Diċembru 2021 minn TUIfly GmbH mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) fid-29 ta’ Settembru 2021 fil-Kawża T-619/18, TUIfly GmbH vs Il-Kummissjoni Ewropea . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . | 19 |
| 2022/C 257/26 | Kawża C-55/22: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landesverwaltungsgericht Vorarlberg (l-Awstrija) fit-28 ta’ Jannar 2022 – NK . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . | 19 |
| 2022/C 257/27 | Kawża C-190/22: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Ufficio del Giudice di pace di Rimini (l-Italja) fis-7 ta’ Marzu 2022 – BL vs Presidenza del Consiglio dei Ministri . . . . . . . . . . . . . . . . . | 19 |
| 2022/C 257/28 | Kawża C-208/22: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Rechtbank Den Haag, zittingsplaats ’s-Hertogenbosch (il-Pajjiżi l-Baxxi) fit-18 ta’ Marzu 2022 – F vs Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . | 22 |
| 2022/C 257/29 | Kawża C-210/22: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Finanzgericht Hamburg (il-Ġermanja) fit-18 ta’ Marzu 2022 – Stappert Deutschland GmbH vs Hauptzollamt Hannover . . . . . . . . . . . . | 22 |
| 2022/C 257/30 | Kawża C-220/22: Rikors ippreżentat fil-25 ta’ Marzu 2022 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Portugiża . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . | 23 |
| 2022/C 257/31 | Kawża C-226/22: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consiglio di Stato (l-Italja) fil-31 ta’ Marzu 2022 – Nexive Commerce Srl *et* vs Autorità per le Garanzie nelle Comunicazioni *et* | 24 |
| 2022/C 257/32 | Kawża C-231/22: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour d’appel de Bruxelles (il-Belġju) fl-1 ta’ April 2022 – État belge vs Autorité de protection des données . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . | 25 |
| 2022/C 257/33 | Kawża C-239/22: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour de cassation (il-Belġju) fil-5 ta’ April 2022 – État belge u Promo 54 vs Promo 54 u État belge . . . . . . . . . . . . . . . . . . | 26 |
| 2022/C 257/34 | Kawża C-242/22: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal da Relação de Évora (il-Portugall) fis-6 ta’ April 2022 – TL . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . | 26 |
| 2022/C 257/35 | Kawża C-277/22: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Fővárosi Törvényszék (l-Ungerija) fit-22 ta’ April 2022 – Global NRG Kereskedelmi és Tanácsadó Zrt. vs Magyar Energetikai és Közmű-szabályozási Hivatal . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . | 27 |

2022/C 257/36 Kawża C-285/22 P: Appell ippreżentat fit-22 ta' April 2022 minn Michaël Julien mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (L-Għaxar Awla) fl-24 ta' Frar 2022 fil-Kawża T-442/21, Rhiannon Thomas u Michaël Julien vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea . . . . . . . . . . 28

2022/C 257/37 Kawża C-328/22: Rikors ippreżentat fis-16 ta' Mejju 2022 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tas-Slovenja . . . . . . . . . . 29

**Il-Qorti Ġenerali**

2022/C 257/38 Kawża T-423/14 RENV: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Mejju 2022 – Larko vs Il-Kummissjoni ("Għajnuna mill-Istat – Għajnuna mogħtija mill-Greċja – Deċiżjoni li tiddikjara l-għajnuna inkompatibbli mas-suq intern – Kunċett ta' għajnuna mill-Istat – Vantaġġ – Prinċipju ta' operatur privat – Primjum ta' garanzija – Impriżi f'diffikultà – Għarfien mill-awtoritajiet Griegi – Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' garanziji – Żball manifest ta' evalwazzjoni") . . . . . . . . . . 30

2022/C 257/39 Kawża T-384/20: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Mejju 2022 – OC vs Il-Kummissjoni ("Responsabbiltà mhux kuntrattwali – Investigazzjoni tal-OLAF – Stqarrija għall-istampa – Ipproċessar ta' data ta' natura personali – Preżunzjoni ta' innoċenza – Kunfidenzjalità tal-investigazzjonijiet tal-OLAF – Dritt għal amministrazzjoni tajba – Proporzjonalità – Ksur biżżejjed serju ta' dispożizzjoni li tagħti drittijiet lill-individwi") . . . . . . . . . . 30

2022/C 257/40 Kawża T-4/21: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Mejju 2022 – Advanced Superabrasives vs EUIPO – Adi (ASI ADVANCED SUPERABRASIVES) ("Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta' oppożizzjoni – Applikazzjoni għal trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva ASI ADVANCED SUPERABRASIVES – Trade marks tal-Unjoni Ewropea figurattiva u verbali preċedenti ADI – Raġuni relattiva għal rifjut – Probabbiltà ta' konfużjoni – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001) – Rinviju tal-każ quddiem id-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni – Artikolu 71(1) tar-Regolament 2017/1001 – Artikolu 27(3)(b) tar-Regolament Delegat (UE) 2018/625") . . . . . . . . . . 31

2022/C 257/41 Kawża T-117/21: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Mejju 2022 – Deichmann vs EUIPO – Munich (Rappreżentazzjoni ta' żewġ strixxi li jinkroċjaw fuq il-ġenb ta' żarbun) ("Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità – Trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva li tirrappreżenta salib fuq il-ġenb ta' żarbun tal-isports – Artikolu 7(1)(b) u Artikolu 51(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li saru l-Artikolu 7(1)(b) u l-Artikolu 59(1)(a) tar-Regolament (UE) 2017/1001) – Artikolu 94(1) tar-Regolament 2017/1001") . . . . . . . . . . 32

2022/C 257/42 Kawża T-237/21: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Mejju 2022 – Fidelity National Information Services vs EUIPO – IFIS (FIS) ("Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta' oppożizzjoni – Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni FIS – Trade mark verbali tal-Unjoni preċedenti IFIS – Raġuni relattiva għal rifjut – Probabbiltà ta' konfużjoni – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001)") . . . . . . . . . . 32

2022/C 257/43 Kawża T-298/21: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Mejju 2022 – Bodegas Beronia vs EUIPO – Bodegas Carlos Serres (ALEGRA DE BERONIA) ("Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta' oppożizzjoni – Applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea ALEGRA DE BERONIA – Trade mark verbali nazzjonali preċedenti ALEGRO – Raġuni relattiva għal rifjut – Assenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001") . . . . . . 33

2022/C 257/44 Kawża T-237/22: Rikors ippreżentat fid-29 ta' April 2022 – Usmanov vs Il-Kunsill . . . . . . . . . . 33

2022/C 257/45 Kawża T-238/22: Rikors ippreżentat fid-29 ta' April 2022 – Narzieva vs Il-Kunsill . . . . . . . . . . 34

2022/C 257/46 Kawża T-256/22: Rikors ippreżentat fit-13 ta' Mejju 2022 – Yanukovych vs Il-Kunsill . . . . . . . . . . 35

2022/C 257/47 Kawża T-257/22: Rikors ippreżentat fit-13 ta' Mejju 2022 – Yanukovych vs Il-Kunsill . . . . . . . . . . 36

2022/C 257/48 Kawża T-258/22: Rikors ippreżentat fit-12 ta' Mejju 2022 – BSW – management company of "BMC" holding vs Il-Kunsill . . . . . . . . . . 37

2022/C 257/49 Kawża T-259/22: Rikors ippreżentat fit-12 ta' Mejju 2022 – Mostovdrev vs Il-Kunsill . . . . . . . . . . 38

2022/C 257/50 Kawża T-261/22: Rikors ippreżentat fit-13 ta' Mejju 2022 – mBank vs EUIPO – European Merchant Bank (EMBANK European Merchant Bank) . . . . . . . . . . 38

| | | |
|---|---|---|
| 2022/C 257/51 | Kawża T-263/22: Rikors ippreżentat fit-13 ta' Mejju 2022 – CCCME *et* vs Il-Kummissjoni | 39 |
| 2022/C 257/52 | Kawża T-265/22: Rikors ippreżentat fit-13 ta' Mejju 2022 – PSCC 2012 vs EUIPO – Starwood Hotels & Resorts Worldwide (LA BOTTEGA W) | 40 |
| 2022/C 257/53 | Kawża T-267/22: Rikors ippreżentat fis-16 ta' Mejju 2022 – Consulta vs EUIPO – Karlinger (ACASA) | 41 |
| 2022/C 257/54 | Kawża T-270/22: Rikors ippreżentat fis-17 ta' Mejju 2022 – Pumpyansky vs Il-Kunsill | 41 |
| 2022/C 257/55 | Kawża T-271/22: Rikors ippreżentat fis-17 ta' Mejju 2022 – Melnichenko vs Il-Kunsill | 42 |
| 2022/C 257/56 | Kawża T-272/22: Rikors ippreżentat fis-17 ta' Mejju 2022 – Pumpyanskaya vs Il-Kunsill | 43 |
| 2022/C 257/57 | Kawża T-276/22: Rikors ippreżentat fis-17 ta' Mejju 2022 – Groz-Beckert vs EUIPO (Marka ta' pożizzjoni li tikkonsisti fil-kuluri abjad, aħmar medju u aħdar skur fuq imballaġġ f'forma ta' kubu) | 44 |
| 2022/C 257/58 | Kawża T-277/22: Rikors ippreżentat fis-17 ta' Mejju 2022 – Groz-Beckert vs EUIPO (Marka ta' pożizzjoni li tikkonsisti fil-kuluri aħmar u abjad fuq imballaġġ f'forma ta' kubu) | 45 |
| 2022/C 257/59 | Kawża T-282/22: Rikors ippreżentat fit-18 ta' Mejju 2022 – Mazepin vs Il-Kunsill | 45 |
| 2022/C 257/60 | Kawża T-283/22: Rikors ippreżentat fid-19 ta' Mejju 2022 – Moshkovich vs Il-Kunsill | 46 |
| 2022/C 257/61 | Kawża T-291/22: Rikors ippreżentat fit-18 ta' Mejju 2022 – Pumpyanskiy vs Il-Kunsill | 47 |
| 2022/C 257/62 | Kawża T-293/22: Rikors ippreżentat fid-19 ta' Mejju 2022 – PB vs SRB | 48 |
| 2022/C 257/63 | Kawża T-295/22: Rikors ippreżentat fl-20 ta' Mejju 2022 – Crush Series Publishing vs EUIPO – Mediaproduccion (The Crush Series) | 48 |
| 2022/C 257/64 | Kawża T-297/22: Rikors ippreżentat fl-20 ta' Mejju 2022 – BB Services vs EUIPO – Lego Juris (Forma ta' figurina tal-logħob bi sporġenza fuq ir-ras) | 49 |
| 2022/C 257/65 | Kawża T-298/22: Rikors ippreżentat fl-20 ta' Mejju 2022 – BB Services vs EUIPO – Lego Juris (Forma ta' figurina tal-logħob) | 50 |
| 2022/C 257/66 | Kawża T-301/22: Rikors ippreżentat fit-23 ta' Mejju 2022 – Aven vs Il-Kunsill | 51 |
| 2022/C 257/67 | Kawża T-304/22: Rikors ippreżentat fl-24 ta' Mejju 2022 – Fridman vs Il-Kunsill | 52 |

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UNJONI EWROPEA

## L-aħħar pubblikazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*

(2022/C 257/01)

**L-aħħar pubblikazzjoni**

ĠU C 244, 27.6.2022

**Pubblikazzjonijiet preċedenti**

ĠU C 237, 20.6.2022

ĠU C 222, 7.6.2022

ĠU C 213, 30.5.2022

ĠU C 207, 23.5.2022

ĠU C 198, 16.5.2022

ĠU C 191, 10.5.2022

Dawn it-testi huma disponibbli fuq:

EUR-Lex: http://eur-lex.europa.eu

V

*(Avviżi)*

# PROĊEDURI TAL-QORTI

# IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tat-12 ta' Mejju 2022 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Taljana**

**(Kawża C-573/19)** [1]

***(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu – Ambjent – Direttiva 2008/50/KE – Kwalità tal-arja ċirkostanti – Artikolu 13(1) u Anness XI – Qbiż sistematiku u kontinwu tal-valuri limitu ffissati għad-dijossidu tal-karbonju (NO2) f'ċerti żoni u agglomerazzjonijiet Taljani – Artikolu 23(1) – Anness XV – Perijodu ta' qbiż "l-iqsar possibbli" – Miżuri xierqa)***

(2022/C 257/02)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

## Partijiet

*Rikorrent:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Gattinara u E. Manhaeve, aġenti)

*Konvenut:* Ir-Repubblika Taljana (rappreżentanti: G. Palmieri, aġent, assistit minn G. Palatiello u P. Pucciariello, avvocati dello Stato)

## Dispożittiv

1) Peress li r-Repubblika Taljana ma żguratx li l-valur limitu annwali ffissat għad-dijossidu tal-karbonju (NO2) ma jinqabiżx b'mod sistematiku u persistenti,

— mill-2010 sal-2018 inkluż, fiż-żoni IT0118 (agglomerazzjoni ta' Torino), IT0306 (agglomerazzjoni ta' Milano), IT0307 (agglomerazzjoni ta' Bergamo), IT0308 (agglomerazzjoni ta' Brescia), IT0711 (komun ta' Genova), IT0906 (agglomerazzjoni ta' Firenze) u IT1215 (agglomerazzjoni ta' Ruma);

— mill-2010 sal-2017 inkluż, fiż-żona IT0309 (żona A – pjanura b'rata ta' urbanizzazzjoni għolja);

— mill-2010 sal-2012 u mill-2014 sal-2018 inkluż, fiż-żona IT1912 (agglomerazzjoni ta' Catania), kif ukoll

— mill-2010 sal-2012 u mill-2014 sal-2017 inkluż, fiż-żona IT1914 (żoni industrijali),

naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont id-dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikolu 13(1) u tal-Anness XI tad-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità ta' l-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa, u billi naqset milli tadotta, mill-11 ta' Ġunju 2010, miżuri xierqa sabiex tiżgura l-konformità mal-valur limitu annwali stabbilit għall-NO2 f'dawn iż-żoni u, b'mod partikolari, billi naqset milli tiżgura li l-pjanijiet relatati mal-kwalità tal-arja jipprovdu għal miżuri xierqa sabiex jiżguraw li l-perijodu ta' qbiż ta' dan il-valur limitu jkun l-iqsar possibbli, hija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 23(1) ta' din id-Direttiva, moqri waħdu jew flimkien mat-Taqsima A tal-Anness XV tad-Direttiva.

2) Ir-Repubblika Taljana hija kkundannata għall-ispejjeż.

[1] ĠU C 305, 9.9.2019.

## Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tat-12 ta' Mejju 2022 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Bulgarija

**(Kawża C-730/19)** ([1])

***("Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu – Ambjent – Direttiva 2008/50/KE – Kwalità tal-arja ambjentali – Artikolu 13(1) u Anness XI – Qbiż sistematiku u persistenti tal-valuri limitu stabbiliti għad-diossidu tal-kubrit (SO2) fiż-żona BG0006 (ix-Xlokk), il-Bulgarija – Artikolu 23(1) u Anness XV – Perijodu 'l-iqsar possibbli' li fih jinqabżu l-valuri limitu – Miżuri xierqa")***

(2022/C 257/03)

*Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru*

### Partijiet

*Rikorrent:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: Y. Marinova u E. Manhaeve, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika tal-Bulgarija (rappreżentanti: E. Petranova u T. Mitova, aġenti)

### Dispożittiv

1) Ir-Repubblika tal-Bulgarija,

billi ma ssorveljatx sabiex ma jinqabiżx b'mod sistematiku u persistenti, fiż-żona BG0006 (ix-Xlokk), minn naħa, mis-sena 2007 sas-sena 2018 inkluża, il-valur limitu għal kull siegħa stabbilit għad-diossidu tal-kubrit (SO2), u, min-naħa l-oħra, mis-sena 2007 sas-sena 2018 inkluża, bl-eċċezzjoni tas-snin 2010 u 2012, il-valur limitu ta' kuljum stabbilit għal dan l-inkwinant, naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt id-dispożizzjonijiet moqrija flimkien tal-Artikolu 13(1) u tal-Anness XI tad-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità ta' l-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa, u

billi ma adottatx, mill-11 ta' Ġunju 2010, miżuri xierqa sabiex tiġi ggarantita l-osservanza tal-valuri limiti stabbiliti għas-SO2 f'din iż-żona u, b'mod partikolari, billi ma ssorveljatx li l-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja jipprevedu miżuri xierqa sabiex il-perijodu li fih jinqabżu dawn il-valuri limiti jkun l-iqsar possibbli, naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt dispożizzojonijiet moqrija flimkien tal-Artikolu 23(1) u tat-Taqsima A tal-Anness XV ta' din id-direttiva.

2) Ir-Repubblika tal-Bulgarija hija kkundannata għall-ispejjeż.

([1]) ĠU C 399, 25.11.2019.

## Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tat-12 ta' Mejju 2022 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Hansol Paper Co. Ltd, European Thermal Paper Association (ETPA)

**(Kawża C-260/20 P)** ([1])

***(Appell – Dumping – Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/763 – Importazzjonijiet ta' ċerta karta termali ħafifa li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea – Dazju antidumping definittiv – Regolament (UE) 2016/1036 – Artikoli 6, 16, 18 – Prova – Informazzjoni pprovduta barra minn risposta għal kwestjonarju antidumping – Teħid inkunsiderazzjoni tal-bejgħ li jaffettwa l-kalkolu tad-dumping – Artikolu 2(1) u (3) – Kalkolu tal-valur normali – Ġerarkija bejn il-metodi ta' kalkolu – Artikolu 3(2) u (3) – Dannu – Kalkolu tal-marġni ta' undercutting – Appell inċidentali – Artikolu 2(11) – Portata reali tad-dumping – Artikolu 18 – Eżenzjoni milli tingħata risposta għal kwestjonarju antidumping – Assenza ta' nuqqas ta' kooperazzjoni)***

(2022/C 257/04)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Appellant:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment minn J.-F. Brakeland u A. Demeneix, sussegwentement minn J.-F. Brakeland u G. Luengo, aġenti)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Hansol Paper Co. Ltd (rappreżentanti: J.-F. Bellis, B. Servais u V. Crochet, avukati), European Thermal Paper Association (ETPA) (rappreżentanti: H. Hobbelen, B. Vleeshouwers, K. Huyghebaert, avukati, u J. Rivas, avukat)

**Dispożittiv**

1) L-appell prinċipali u l-appell inċidentali huma miċħuda.

2) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż tal-appell prinċipali.

3) European Thermal Paper Association (ETPA) hija kkundannata tbati l-ispejjeż tal-appell inċidentali.

---

(1) ĠU C 271, 17.08.2020.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tat-12 ta' Mejju 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Consiglio di Stato – l-Italja) – Servizio Elettrico Nazionale SpA, ENEL SpA, Enel Energia SpA vs Autorità Garante della Concorrenza e del Mercato *et***

**(Kawża C-377/20)** (1)

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kompetizzjoni – Pożizzjoni dominanti – Sfruttament abbużiv – Artikolu 102 TFUE – Effett ta' prattika fuq il-benesseri tal-konsumaturi u fuq l-istruttura tas-suq – Prattika ta' esklużjoni abbużiva – Kapaċità ta' prattika li tipproduċi effett ta' esklużjoni – Użu ta' mezzi li ma humiex dawk li jaqgħu taħt il-kompetizzjoni fuq il-mertu – Impossibbiltà għal kompetitur ipotetiku daqstant effikaċi li jirreplika l-prattika – Eżistenza ta' intenzjoni antikompetittiva – Ftuħ għall-kompetizzjoni tas-suq tal-bejgħ tal-elettriku – Trasferiment ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva fi ħdan grupp ta' kumpanniji sabiex f'suq tinżamm pożizzjoni dominanti li ntirtet minn monopolju legali – Imputabbiltà tal-aġir tas-sussidjarja lill-kumpannija omm)***

(2022/C 257/05)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Consiglio di Stato

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Servizio Elettrico Nazionale SpA, ENEL SpA, Enel Energia SpA

*Konvenuti:* Autorità Garante della Concorrenza e del Mercato, ENEL SpA, Servizio Elettrico Nazionale SpA, Eni Gas e Luce Spa, Eni SpA, Axpo Italia SpA, Gala SpA, E.Ja SpA, Green Network SpA, Ass.ne Codici – Centro per i Diritti del Cittadino

*fil-preżenza ta':* Green Network SpA, Associazione Italiana di Grossisti di Energia e Trader – AIGET, Ass.ne Codici – Centro per i Diritti del Cittadino, Associazione Energia Libera, Metaenergia SpA

**Dispożittiv**

1) L-Artikolu 102 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li, sabiex jiġi stabbilit li prattika tikkostitwixxi abbuż minn pożizzjoni dominanti, huwa biżżejjed, għal awtorità tal-kompetizzjoni, li tipprova li din il-prattika tista' tippreġudika struttura ta' kompetizzjoni effettiva fis-suq rilevanti, sakemm l-impriża dominanti kkonċernata ma turix li l-effetti antikompetittivi li jistgħu jirriżultaw mill-imsemmija prattika jistgħu jiġu bbilanċjati, jew anki maqbuża, permezz ta' effetti pożittivi għall-konsumaturi, b'mod partikolari f'termini ta' prezz, ta' għażla, ta' kwalità u ta' innovazzjoni.

2) L-Artikolu 102 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li, sabiex tiġi eskluża n-natura abbużiva ta' aġir ta' impriża f'pożizzjoni dominanti, għandu jitqies li ma hijiex, waħedha, suffiċjenti l-prova, prodotta mill-impriża inkwistjoni, li dan l-aġir ma pproduċiex effetti restrittivi konkreti. Din il-prova tista' tikkostitwixxi indizju tal-inkapaċità tal-aġir inkwistjoni li jipproduċi effetti antikompetittivi, li, madankollu, għandu jiġi kkompletat bi provi oħra intiżi sabiex din l-inkapaċità tiġi stabbilita.

3) L-Artikolu 102 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li l-eżistenza ta' prattika ta' esklużjoni abbużiva minn impriża f'pożizzjoni dominanti għandha tiġi evalwata abbażi tal-kapaċità ta' din il-prattika li tipproduċi effetti antikompetittivi. Awtorità tal-kompetizzjoni ma hijiex obbligata tistabbilixxi l-intenzjoni tal-impriża inkwistjoni li teskludi lill-kompetituri tagħha b'mezzi jew billi tuża riżorsi oħra li ma humiex dawk li jirregolaw il-kompetizzjoni fuq il-mertu. Madankollu, il-prova ta' tali intenzjoni tikkostitwixxi ċirkustanza fattwali li tista' tittieħed inkunsiderazzjoni għall-finijiet tad-determinazzjoni ta' abbuż minn pożizzjoni dominanti.

4) L-Artikolu 102 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li prattika li tkun legali barra mid-dritt tal-kompetizzjoni tista', meta tiġi implimentata minn impriża f'pożizzjoni dominanti, tiġi kklassifikata bħala "abbużiva", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, jekk din tkun tista' tipproduċi effett ta' esklużjoni u jekk tkun ibbażata fuq l-użu ta' mezzi li ma humiex dawk li jaqgħu taħt il-kompetizzjoni fuq il-mertu. Meta dawn iż-żewġ kundizzjonijiet jiġu ssodisfatti, l-impriża f'pożizzjoni dominanti kkonċernata tista' madankollu tevita l-projbizzjoni stabbilita fl-Artikolu 102 TFUE billi tistabbilixxi li l-prattika inkwistjoni kienet jew oġġettivament iġġustifikata u proporzjonata għal din il-ġustifikazzjoni, jew ibbilanċjata, jew anki maqbuża, permezz ta' vantaġġi f'termini ta' effikaċja li minnhom jibbenefikaw ukoll il-konsumaturi.

5) L-Artikolu 102 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li, meta pożizzjoni dominanti tiġi użata b'mod abbużiv minn sussidjarja waħda jew iktar li tappartjeni lil unità ekonomika, l-eżistenza ta' din l-unità hija suffiċjenti sabiex jitqies li l-kumpannija omm hija wkoll responsabbli għal dan l-abbuż. L-eżistenza ta' tali unità għandha tiġi preżunta jekk, meta seħħew il-fatti, mill-inqas kważi l-kapital kollu ta' dawn is-sussidjarji kien miżmum, direttament jew indirettament, mill-kumpannija omm. L-awtorità tal-kompetizzjoni ma hijiex obbligata tipproduċi kwalunkwe prova addizzjonali, sakemm il-kumpannija omm tistabbilixxi li ma kellhiex is-setgħa li tiddefinixxi l-aġir tas-sussidjarji tagħha, peress li dawn jaġixxu b'mod awtonomu.

(1) ĠU C 348, 19.10.2020.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tat-12 ta' Mejju 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal Judicial da Comarca de Braga – Juízo do Trabalho de Barcelos – il-Portugall) – GD, ES vs Luso Temp – Empresa de Trabalho Temporário SA**

**(Kawża C-426/20)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika soċjali – Direttiva 2008/104/KE – Xogħol temporanju – Artikolu 5(1) – Prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament – Artikolu 3(1)(f) – Kunċett ta' "kundizzjonijiet bażiċi tax-xogħol u tal-impjieg tal-ħaddiema temporanji" – Allowance dovuta għal ġranet ta' leave annwali mħallas mhux meħud u għal bonus tal-vaganzi korrispondenti fil-każ ta' terminazzjoni tar-relazzjoni tax-xogħol)***

(2022/C 257/06)

*Lingwa tal-kawża: il-Portugiż*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal Judicial da Comarca de Braga – Juízo do Trabalho de Barcelos

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* GD, ES

*Konvenut:* Luso Temp – Empresa de Trabalho Temporário SA

**Dispożittiv**

L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2008/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar xogħol temporanju permezz ta' aġenzija, moqri flimkien mal-Artikolu 3(1)(f) tagħha, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li l-kumpens li jista' jintalab mill-ħaddiema temporanji, fil-każ ta' terminazzjoni tar-relazzjoni ta' xogħol tagħhom ma' impriża utenti, għal ġranet ta' leave annwali mħallas mhux meħud u għal bonus tal-vaganzi korrispondenti, huwa inqas mill-kumpens li jista' jintalab minn dawn il-ħaddiema, fl-istess sitwazzjoni u fl-istess pożizzjoni, li kieku ġew irreklutati direttament minn din l-impriża utenti sabiex jokkupaw l-istess pożizzjoni matul l-istess żmien.

(1) ĠU C 423, 07.12.2020.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tat-12 ta’ Mejju 2022 – Christoph Klein vs Il-Kummissjoni Ewropea**

**(Kawża C-430/20 P)** ([1])

***(Appell – Artikolu 265 TFUE – Rikors għal nuqqas li tittieħed azzjoni – Direttiva 93/42/KEE – Mezzi mediċi – Artikolu 8(1) u (2) – Proċedura ta’ klawżola ta’ salvagwardja – Notifika minn Stat Membru ta’ deċiżjoni li tipprojbixxi t-tqegħid fis-suq ta’ mezz mediku – Nuqqas fit-tul ta’ reazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea – Assenza ta’ deċiżjoni – Ammissibbiltà – Locus standi – Terminu għall-preżentata ta’ rikors – Sejħa għal teħid ta’ azzjoni f’terminu raġonevoli – Prinċipju ta’ amministrazzjoni tajba – Obbligu ta’ motivazzjoni li jaqa’ fuq il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea)***

(2022/C 257/07)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Appellant:* Christoph Klein (rappreżentant: H.-J. Ahlt, Rechtsanwalt)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment minn C. Hermes, F. Thiran u M. Jáuregui Gómez, sussegwentement minn C. Hermes u F. Thiran, aġenti)

**Dispożittiv**

1) Id-digriet tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tat-2 ta’ Lulju 2020, Klein vs Il-Kummissjoni (T-562/19, EU:T:2020:300), huwa annullat sa fejn il-Qorti Ġenerali ċaħdet bħala inammissibbli r-rikors ta’ Christoph Klein, ibbażat fuq l-Artikolu 265 TFUE u intiż sabiex jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni Ewropea illegalment naqset milli taġixxi fil-kuntest tal-proċedura ta’ klawżola ta’ salvagwardja mibdija fis-7 ta’ Jannar 1998 mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja kif ukoll li tieħu deċiżjoni konformement mad-Direttiva tal-Kunsill 93/42/KEE tal-14 ta’ Ġunju 1993 dwar mezzi mediċi, fir-rigward tal-mezz Inhaler Broncho Air®.

2) Il-kawża hija mibgħuta lura quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea sabiex tingħata deċiżjoni fuq il-mertu.

3) L-ispejjeż huma rriżervati.

([1]) ĠU C 371, 3.11.2020.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tat-12 ta’ Mejju 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-iSpetsializiran nakazatelen sad – il-Bulgarija) – Proċeduri mibdija minn RR, JG**

**(Kawża C-505/20)** ([1])

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f’materji kriminali – Iffriżar u konfiska tal-mezzi u tar-rikavat mill-kriminalità fl-Unjoni Ewropea – Direttiva 2014/42/UE – Artikolu 4 – Konfiska – Artikolu 7 – Iffriżar – Artikolu 8 – Garanziji proċedurali – Iffriżar u konfiska ta’ beni ta’ terzi fil-proċeduri kriminali – Leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tipprevedix rimedju għal terzi matul il-proċeduri ġudizzjarji u li ma tippermettix ir-restituzzjoni eventwali tal-imsemmi beni qabel l-għeluq tal-proċeduri kriminali)***

(2022/C 257/08)

*Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru*

**Qorti tar-rinviju**

Spetsializiran nakazatelen sad

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* RR, JG

*fil-preżenza ta'*: Spetsializirana prokuratura

**Dispożittiv**

1) L-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2014/42/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-iffriżar u l-konfiska ta' mezzi strumentali u r-rikavat minn attività kriminali fl-Unjoni Ewropea għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi li, meta beni jiġu ffriżati bħala strumenti jew li huma preżunti rikavat ta' reat, il-proprjetarju ta' dawn il-beni, terz f'bona fide, ma għandu, matul il-fażi ġudizzjarja tal-proċeduri kriminali, ebda dritt li jressaq quddiem il-qorti kompetenti talba għal restituzzjoni tal-imsemmija beni.

2) L-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/42 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li teskludi l-konfiska ta' beni li jappartjeni lil terz f'bona fide u li jintuża bħala strument ta' reat, inkluż meta dan il-beni ikun tqiegħed minn dan it-terz għad-dispożizzjoni permanenti tal-persuna akkużata.

(1) ĠU C 9, 11.1.2021.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tat-12 ta' Mejju 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Conseil d'État – Franza) – Schneider Electric SA *et* vs Premier ministre, Ministre de l'Economie, des Finances et de la Relance**

**(Kawża C-556/20)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet – Direttiva 90/435/KEE – Sistema fiskali komuni applikabbli għall-kumpanniji omm u sussidjarji ta' Stati Membri differenti – Artikolu 4 u Artikolu 7(2) – Prevenzjoni tat-taxxa doppja ekonomika tad-dividendi)***

(2022/C 257/09)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Conseil d'État

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Schneider Electric SE, Axa SA, BNP Paribas SA, Engie SA, Orange SA, L'Air liquide, société anonyme pour l'étude et l'exploitation des procédés Georges Claude

*Konvenuti:* Premier ministre, Ministre de l'Economie, des Finances et de la Relance

**Dispożittiv**

L-Artikolu 4(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 90/435/KEE tat-23 ta' Lulju 1990 dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika fil-każ tal-kumpanniji prinċipali u sussidjarji ta' Stati Membri differenti għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi li kumpannija omm hija suġġetta għal ħlas bil-quddiem ta' taxxa fil-każ ta' ridistribuzzjoni lill-azzjonisti tagħha ta' profitti mħallsa mis-sussidjarji tagħha, li jagħti lok għall-għoti ta' kreditu ta' taxxa, meta dawn il-profitti ma jkunux ħallsu t-taxxa fuq il-kumpanniji bir-rata tad-dritt komuni, meta s-somom dovuti taħt dan il-ħlas bil-quddiem ta' taxxa jaqbżu l-limitu ta' 5 % previst fl-Artikolu 4(2) ta' din id-direttiva. Tali leġiżlazzjoni ma taqax taħt l-Artikolu 7(2) tal-imsemmija direttiva.

(1) ĠU C 9, 11.1.2021.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-5 ta' Mejju 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Cour de cassation – Franza) – proċeduri kriminali kontra BV**

**(Kawża C-570/20)** ([1])

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Direttiva 2006/112/KE – Ħabi frawdolenti tat-taxxa dovuta – Sanzjonijiet – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi sanzjoni amministrattiva u sanzjoni kriminali għall-istess fatti – Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Artikolu 49 – Artikolu 50 – Prinċipju ta' ne bis in idem – Artikolu 52(1) – Limitazzjonijiet imposti fuq il-prinċipju ta' ne bis in idem – Rekwiżit li jiġu pprovduti regoli ċari u preċiżi – Possibbiltà li tittieħed inkunsiderazzjoni l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali mill-qrati nazzjonali – Neċessità li jiġu previsti regoli li jiżguraw il-proporzjonalità tas-sanzjonijiet imposti kollha – Sanzjonijiet ta' natura differenti)***

(2022/C 257/10)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Cour de cassation

**Parti fil-proċedura kriminali prinċipali**

BV

*fil-preżenza ta':* Direction départementale des finances publiques de la Haute-Savoie

**Dispożittiv**

Id-dritt fundamentali ggarantit mill-Artikolu 50 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, moqri flimkien mal-Artikolu 52(1) tagħha, għandu jiġi interpretat fis-sens li

— ma jipprekludix li l-limitazzjoni tal-kumulu ta' proċeduri u ta' sanzjonijiet ta' natura kriminali fil-każ ta' ħabi frawdolenti jew ta' ommissjonijiet dikjarattivi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) previst minn leġiżlazzjoni nazzjonali għall-każijiet l-iktar serji jirriżulta biss minn ġurisprudenza stabbilita li tinterpreta, b'mod restrittiv, id-dispożizzjonijiet legali li jiddefinixxu l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' dan il-kumulu, bil-kundizzjoni li jkun raġonevolment prevedibbli, fil-mument meta jitwettaq il-ksur, li dan jista' jkun is-suġġett ta' kumulu ta' proċeduri u ta' sanzjonijiet ta' natura kriminali, iżda li

— jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tiżgurax, fil-każijiet ta' kumulu ta' sanzjoni pekunjarja u ta' piena li ċċaħħad il-libertà, permezz ta' regoli ċari u preċiżi, jekk ikun il-każ kif interpretati mill-qrati nazzjonali, li s-sanzjonijiet kollha imposti ma jeċċedux is-serjetà tal-ksur ikkonstatat.

([1]) ĠU C 28, 25.1.2021.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tat-12 ta' Mejju 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tas-Sąd Okręgowy w Poznaniu – il-Polonja) – W. J. vs L. J. u J. J., legalment irrappreżentati minn A. P.,**

**(Kawża C-644/20)** ([1])

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili – Ġurisdizzjoni, liġi applikabbli, rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment – Determinazzjoni tal-liġi applikabbli – Protokoll ta' Den Haag dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi ta' manteniment – Artikolu 3 – Residenza abitwali ltal-kreditur – Mument li fih tiġi ddeterminata r-residenza abitwali – Żamma illegali ta' wild)***

(2022/C 257/11)

*Lingwa tal-kawża: il-Pollakk*

**Qorti tar-rinviju**

Sąd Okręgowy w Poznaniu

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* W. J.

*Konvenuti:* L. J. u J. J., legalment irrappreżentati minn A. P.

**Dispożittiv**

L-Artikolu 3 tal-Protokoll tal-Aja [Den Haag] tat-23 ta' Novembru 2007 dwar il-Liġi Applikabbli għall-Obbligi ta' Manteniment, approvat f'isem il-Komunità Ewropea permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/941/KE tat-30 ta' Novembru 2009, għandu jiġi interpretat fis-sens li, għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-liġi applikabbli għall-kreditu ta' manteniment ta' wild minuri mneħħi minn wieħed mill-ġenituri tiegħu fit-territorju ta' Stat Membru, il-fatt li qorti ta' dan l-Istat Membru ordnat, fil-kuntest ta' proċedura distinta, ir-ritorn ta' dan il-wild fl-Istat fejn huwa kien jirresjedi abitwalment mal-ġenituri tiegħu immedjatament qabel it-tneħħija tiegħu, ma huwiex biżżejjed sabiex jostakola li dan il-wild ikun jista' jikseb residenza abitwali fit-territorju ta' dan l-Istat Membru.

(1) ĠU C 53, 15.2.2021.

---

## Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tal-5 ta' Mejju 2022 – Zhejiang Jiuli Hi-Tech Metals Co. Ltd vs Il-Kummissjoni Ewropea

**(Kawża C-718/20 P)** (1)

***(Appell – Dumping – Importazzjonijiet ta' ċerti pajpijiet u tubi mingħajr saldaturi tal-azzar li ma jissaddadx li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina – Impożizzjoni ta' dazju antidumping definittiv)***

(2022/C 257/12)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Zhejiang Jiuli Hi-Tech Metals Co. Ltd (rappreżentanti: K. Adamantopoulos u P. Billiet, avukati)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Gustafsson, P. Němečková u E. Schmidt, aġenti)

**Dispożittiv**

1) L-appell huwa miċħud.

2) Zhejiang Jiuli Hi-Tech Metals Co. Ltd għandha tbati, minbarra l-ispejjeż tagħha stess, dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.

(1) ĠU C 98, 22.3.2021.

---

## Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tat-12 ta' Mejju 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Consiglio di Stato – l-Italja) – Comune di Lerici vs Provincia di La Spezia

**(Kawża C-719/20)** (1)

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kuntratti pubbliċi – Immaniġġar ta' skart – Għoti in house – Direttiva 2014/24/UE – Artikoli 12 u 72 – Telf tal-kundizzjonijiet ta' "kontroll simili" wara aggregazzjoni ta' impriżi – Possibbiltà għall-operatur sussegwenti li jkompli l-provvista ta' servizz)***

(2022/C 257/13)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Consiglio di Stato

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Comune di Lerici

*Konvenut:* Provincia di La Spezia

*Fil-preżenza ta':* IREN SpA, ACAM Ambiente SpA

**Dispożittiv**

Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE għandha tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi leġiżlazzjoni jew prattika nazzjonali li skontha l-eżekuzzjoni ta' kuntratt pubbliku, mogħti inizjalment, mingħajr sejħa għal kompetizzjoni, lil entità in house, li fuqha l-awtorità kontraenti eżerċitat, b'mod konġunt, kontroll simili għal dak li teżerċita fuq id-dipartimenti tagħha stess, għandha titkompla awtomatikament mill-operatur ekonomiku li jkun akkwista din l-entità, fi tmiem proċedura ta' sejħa għal offerti, meta din l-awtorità kontraenti ma jkollhiex tali kontroll fuq dan l-operatur u ma żżomm ebda sehem fil-kapital tiegħu.

(1) ĠU C 79, 8.3.2021.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tal-5 ta' Mejju 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tan-Nejvyšší správní soud – Ir-Repubblika Ċeka) – HJ vs Ministerstvo práce a sociálních věcí**

**(Kawża C-101/21)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika soċjali – Direttiva 2008/94/KE – Protezzjoni tal-ħaddiema impjegati fil-każ ta' insolvenza tal-persuna li timpjega – Artikolu 2(2) – Kunċett ta' "impjegat" – Artikolu 12(a) u (ċ) – Limiti għar-responsabbiltà tal-istituzzjonijiet ta' garanzija – Persuna li teżerċita, abbażi ta' kuntratt ta' xogħol konkluż ma' kumpannija kummerċjali, il-funzjonijiet ta' membru tal-bord tad-diretturi u ta' direttur ta' din il-kumpannija – Kumulu ta' funzjonijiet – Ġurisprudenza nazzjonali li tirrifjuta lil din il-persuna l-benefiċċju tal-garanziji previsti minn din id-direttiva)***

(2022/C 257/14)

*Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek*

**Qorti tar-rinviju**

Nejvyšší správní soud

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* HJ

*Konvenut:* Ministerstvo práce a sociálních věcí

**Dispożittiv**

L-Artikolu 2(2) u l-Artikolu 12(a) u (ċ) tad-Direttiva 2008/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 dwar il-protezzjoni tal-impjegati fil-każ tal-insolvenza ta' min iħaddimhom, kif emendata bid-Direttiva (UE) 2015/1794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-6 ta' Ottubru 2015, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu ġurisprudenza nazzjonali li tgħid li persuna li teżerċita, abbażi ta' kuntratt ta' xogħol validu fid-dawl tad-dritt nazzjonali, b'mod kumulattiv il-funzjonijiet ta' direttur u ta' membru tal-korp statutorju ta' kumpannija kummerċjali ma tistax tiġi kklassifikata bħala impjegat, fis-sens ta' din id-direttiva, u, għaldaqstant, ma tistax tibbenefika mill-garanziji previsti mill-imsemmija direttiva.

(1) ĠU C 148, 26.04.2021.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tal-5 ta' Mejju 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Bundesgerichtshof – il-Ġermanja) – absoluts-bikes and more- GmbH & Co. KG vs the-trading-company GmbH**

**(Kawża C-179/21)** [1]

*(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni tal-konsumaturi – Direttiva 2011/83/UE – Artikolu 6(1)(m) – Kuntratt mill-bogħod bejn konsumatur u kummerċjant – Obbligu tal-kummerċjant li jinforma lill-konsumatur bl-eżistenza ta' garanzija kummerċjali tal-produttur u bil-kundizzjonijiet relatati magħha – Kundizzjonijiet li fihom jinħoloq tali obbligu – Kontenut tal-informazzjoni li għandha tiġi kkomunikata lill-konsumatur dwar il-garanzija kummerċjali tal-produttur – Effett tal-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 1999/44/KE)*

(2022/C 257/15)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Bundesgerichtshof

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* absoluts-bikes and more- GmbH & Co. KG

*Konvenut:* the-trading-company GmbH

**Dispożittiv**

1) L-Artikolu 6(1)(m) tad-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, għandu jiġi interpretat fis-sens li, fir-rigward tal-garanzija kummerċjali offruta mill-produttur, l-obbligu ta' informazzjoni impost fuq il-kummerċjant minn din id-dispożizzjoni ma jitnissilx mis-sempliċi fatt tal-eżistenza ta' din il-garanzija iżda biss meta l-konsumatur ikollu interess leġittimu li jikseb informazzjoni dwar l-imsemmija garanzija sabiex ikun jista' jieħu d-deċiżjoni tiegħu li jintrabat kuntrattwalment mal-kummerċjant. Tali interess leġittimu huwa b'mod partikolari stabbilit meta l-kummerċjant jagħmel mill-garanzija kummerċjali tal-produttur element ċentrali jew deċiżiv tal-offerta tiegħu. Sabiex jiġi ddeterminat jekk il-garanzija tikkostitwixxix element ċentrali jew deċiżiv, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-kontenut u l-konfigurazzjoni ġenerali tal-offerta fir-rigward tal-oġġett ikkonċernat, tal-importanza, f'termini ta' argument ta' bejgħ jew ta' argument ta' reklamar, tal-indikazzjoni tal-garanzija kummerċjali tal-produttur, tal-pożizzjoni okkupata minn din l-indikazzjoni fl-offerta, tal-probabbiltà ta' żball jew ta' konfużjoni li l-imsemmija indikazzjoni tista' twassal f'moħħ il-konsumatur medju, normalment informat u raġonevolment attent u avżat fir-rigward tad-diversi drittijiet għall-garanzija li dan jista' jeżerċita jew tal-identità reali tal-garanti, tal-preżenza jew le, fl-offerta, ta' spjegazzjonijiet relatati mal-garanziji l-oħra konnessi mal-oġġett kif ukoll ta' kull element ieħor li jista' jistabbilixxi ħtieġa oġġettiva ta' protezzjoni tal-konsumatur.

2) L-Artikolu 6(1)(m) tad-Direttiva 2011/83, moqri flimkien mat-tieni inċiż tal-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar ċerti aspetti tal-bejgħ ta' oġġetti tal-konsum u garanziji assoċjati magħhom, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lill-konsumatur dwar il-kundizzjonijiet dwar il-garanzija kummerċjali tal-produttur tinkludi kull element ta' informazzjoni li jikkonċerna l-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni u ta' implimentazzjoni ta' tali garanzija, li jippermetti lill-konsumatur jieħu d-deċiżjoni tiegħu jekk jintrabatx kuntrattwalment jew le mal-kummerċjant.

[1] ĠU C 242, 21.6.2021

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tal-5 ta’ Mejju 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-College van Beroep voor het bedrijfsleven – il-Pajjiżi l-Baxxi) – R. en R. vs Minister van Landbouw, Natuur en Voedselkwaliteit**

**(Kawża C-189/21)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika Agrikola Komuni (PAK) – Regolament (UE) Nru 1306/2013 – Anness II – Rekwiżit statutorju ta’ ġestjoni – Regolament (UE) Nru 1107/2009 – L-ewwel paragrafu u l-ewwel sentenza tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 55 – Skemi ta’ appoġġ dirett – Regoli komuni – Tnaqqis jew esklużjoni tal-għajnuna kollha jew ta’ parti mill-għajnuna rċevuta taħt il-PAK – Nuqqas ta’ osservanza tar-regoli ta’ kundizzjonalità – Użu ta’ prodott għall-protezzjoni tal-pjanti li ma huwiex jew ma għadux awtorizzat fl-Istat Membru kkonċernat u, f’dan l-aħħar każ, li t-terminu għall-użu tiegħu nqabeż)***

(2022/C 257/16)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

**Qorti tar-rinviju**

College van Beroep voor het bedrijfsleven

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* R. en R.

*Konvenut:* Minister van Landbouw, Natuur en Voedselkwaliteit

**Dispożittiv**

Ir-rekwiżit statutorju ta’ ġestjoni 10, kif previst kif previst fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008, sa fejn jirreferi għall-ewwel paragrafu u għall-ewwel sentenza tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 55 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta’ Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta’ prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE, għandu jiġi interpretat fis-sens li jkopri wkoll l-użu ta’ prodott għall-protezzjoni tal-pjanti li ma huwiex jew ma għadux awtorizzat fl-Istat Membru kkonċernat u, f’dan l-aħħar każ, li d-data ta’ skadenza ta’ użu tiegħu tkun għaddiet.

[1] ĠU C 228, 14.6.2021.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tal-5 ta’ Mejju 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tas-Supremo Tribunal Administrativo – il-Portugall) – Autoridade Tributária e Aduaneira vs DSR – Montagem e Manutenção de Ascensores e Escadas Rolantes SA**

**(Kawża C-218/21)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Tassazzjoni – Taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Direttiva 2006/112/KE – Rati – Dispożizzjonijiet temporanji għal ċerti servizzi li jinvolvu xogħol intensiv – Anness IV, punt 2 – Rinnovazzjoni u tiswija ta’ akkomodazzjonijiet privati – Applikazzjoni ta’ rata mnaqqsa tal-VAT għas-servizzi ta’ tiswija u ta’ manutenzjoni ta’ liftijiet ta’ immobbli residenzjali)***

(2022/C 257/17)

*Lingwa tal-kawża: il-Portugiż*

**Qorti tar-rinviju**

Supremo Tribunal Administrativo

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Autoridade Tributária e Aduaneira

*Konvenut:* DSR – Montagem e Manutenção de Ascensores e Escadas Rolantes SA

**Dispożittiv**

Il-punt 2 tal-Anness IV tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandu jiġi interpretat fis-sens li jaqgħu taħt il-kunċett ta' "rinnovazzjoni u [ta'] tiswija ta' akkomodazzjonijiet privati" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, is-servizzi ta' tiswija u ta' rinnovazzjoni ta' liftijiet ta' immobbli residenzjali, bl-esklużjoni tas-servizzi ta' manutenzjoni ta' tali liftijiet.

([1]) ĠU C 252, 28.6.2021.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tat-12 ta' Mejju 2022 – Évariste Boshab vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea**

**(Kawża C-242/21 P)** ([1])

***(Appell – Politika estera u ta' sigurtà komuni – Miżuri restrittivi meħuda kontra ċerti persuni u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo – Regolament (KE) Nru 1183/2005 – Artikolu 2b u Artikolu 9(2) – Deċiżjoni 2010/788/PESK – Artikolu3 (2) u Artikolu 9(2) – Żamma tal-inklużjoni tar-rikorrent fil-listi ta' persuni u entitajiet ikkonċernati – Deċiżjoni (PESK) 2018/1940 – Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1931 – Dritt għal smigħ)***

(2022/C 257/18)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Appellant:* Évariste Boshab (rappreżentanti: T. Bontinck, P. De Wolf, T. Payan u A. Guillerme, avukati)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment minn J.-P. Hix, S. Lejeune, sussegwentement minn S. Lejeune, aġenti)

**Dispożittiv**

1) L-appell huwa miċħud.

2) Évariste Boshab huwa kkundannat ibati, minbarra l-ispejjeż tiegħu, dawk sostnuti mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

([1]) ĠU C 217, 7.6.2021.

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tas-17 ta' Mejju 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tas-Supremo Tribunal Administrativo – Il-Portugall) – Estaleiros Navais de Peniche SA vs Município de Aveiro, Navaltagus – Reparação e Construção Naval SA, Navalrocha – Sociedade de Construção e Reparações Navais SA**

**(Kawża C-787/21)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – proċeduri ta' reviżjoni għall-għoti ta' kuntratti ta' provvista pubblika u xogħlijiet pubbliċi – Direttiva 89/665/KEE – Artikolu 1(3) – Interess ġuridiku – Aċċess għal proċeduri ta' reviżjoni – Offerent eskluż b'deċiżjoni tal-awtorità kontraenti li saret finali, minħabba li ma kkontestax ir-raġunijiet kollha għaċ-ċaħda tal-offerta tiegħu – Assenza ta' interess ġuridiku)***

(2022/C 257/19)

*Lingwa tal-kawża: il-Portugiż*

**Qorti tar-rinviju**

Supremo Tribunal Administrativo

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Estaleiros Navais de Peniche SA

*Konvenuti:* Município de Aveiro, Navaltagus – Reparação e Construção Naval SA, Navalrocha – Sociedade de Construção e Reparações Navais SA

**Dispożittiv**

l-Artikolu 1(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/665/KEE tal-21 ta' Diċembru 1989 dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi rigward l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' reviżjoni għall-għoti ta' kuntratti ta' provvista pubblika u xogħlijiet pubbliċi, kif emendata bid-Direttiva 2007/66/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2007, għandha tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi lil offerent li jkun ġie eskluż minn proċedura ta' għoti ta' kuntratt pubbliku permezz ta' deċiżjoni tal-awtorità kontraenti li saret finali milli jkun jista' jikkontesta d-deċiżjoni tal-għoti ta' dan is-suq. F'dan ir-rigward, huwa irrilevanti li l-offerent telliefa jsostni li jista' possibbilment jingħata l-kuntratt fil-każ li, wara l-annullament ta' din id-deċiżjoni, l-awtorità kontraenti tiddeċiedi li tniedi proċedura ġdida ta' attribuzzjoni.

[1] Data tal-preżentata: 16.12.2021

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consiglio di Stato (l-Italja) fid-29 ta' Settembru 2020 – Fastweb SpA *et* vs Autorità per le Garanzie nelle Comunicazioni**

**(Kawża C-468/20)**

(2022/C 257/20)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Consiglio di Stato

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Fastweb SpA, Tim SpA, Vodafone Italia SpA, Wind Tre SpA

*Konvenut:* Autorità per le Garanzie nelle Comunicazioni

**Domandi preliminari**

1) L-Artikolu 267 TFUE, interpretat b'mod korrett, jobbliga lill-qorti nazzjonali li d-deċiżjonijiet tagħha ma humiex suġġetti għal rimedju ġudizzjarju taħt id-dritt nazzjonali li tressaq rinviju għal deċiżjoni preliminari dwar kwistjoni ta' interpretazzjoni tad-dritt [tal-Unjoni] rilevanti fil-kuntest tal-kawża prinċipali, anki jekk jista' jiġi eskluż kwalunkwe dubju ta' interpretazzjoni dwar it-tifsira tad-dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni kkonċernata – b'teħid inkunsiderazzjoni tat-terminoloġija u tat-tifsira tal-kliem ta' din id-dispożizzjoni li huma speċifiċi għad-dritt [tal-Unjoni], tal-kuntest tad-dritt tal-Unjoni li fih hija taqa' u tal-għanijiet ta' protezzjoni li fuqhom hija bbażata, fid-dawl tal-istat ta' żvilupp tad-dritt [tal-Unjoni] fiż-żmien meta d-dispożizzjoni rilevanti għandha tiġi applikata fil-kuntest tal-proċedura nazzjonali – iżda ma jkunx possibbli li jiġi pprovat fid-dettall, minn perspettiva suġġettiva fir-rigward tal-attitudni ta' qrati oħra, li l-interpretazzjoni mogħtija mill-qorti adita tkun l-istess bħal dik li x'aktarx tingħata mill-qrati ta' Stati Membri oħra u mill-Qorti tal-Ġustizzja jekk dawn ikunu ġew aditi bl-istess domanda?

2) L-Artikoli 49 u 56 TFUE u l-kuntest ġuridiku armonizzat li jirriżulta mid- Direttiva 2002/19/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar l-aċċess għal, u l-interkonnessjoni ta', networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u faċilitajiet assoċjati (Direttiva ta' l-Aċċess) ([1]), mid-Direttiva 2002/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar l-awtorizzazzjoni ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva ta' Awtorizzazzjoni) ([2]), mid-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (Direttiva Kwadru) ([3]) u mid-Direttiva 2002/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar servizz universali u d-drittijiet ta' l-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva Servizz Universali) ([4]), b'mod partikolari mill-Artikolu 8(2) u (4) tad-Direttiva 2002/21/KE, kif emendata bid-Direttiva 2009/140/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 li temenda d-Direttivi 2002/21/KE dwar qafas regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi, 2002/19/KE dwar l-aċċess għal, u l-interkonnessjoni ta', networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u faċilitajiet assoċjati, u 2002/20/KE dwar l-awtorizzazzjoni ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi ([5]), mill-Artikolu 3 tad-Direttiva 2002/20/KE, kif emendata bid-Direttiva 2009/140/KE, u mill-Artikoli 20, 21 u 22 tad-Direttiva 2002/22/KE, kif emendata bid-Direttiva 2009/136/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 li temenda d-Direttiva 2002/22/KE dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, id-Direttiva 2002/58/KE dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 dwar il-koperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi ([6]), interpretati b'mod korrett, jipprekludu regola nazzjonali bħal dik li tirriżulta mid-dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikoli 13, 70 u 71 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 259/2003, tal-Artikolu 2(12)(h) u (l) tal-Liġi Nru 481/1995 u tal-punt 2 tal-Artikolu 1(6) tal-Liġi Nru 249/1997, li tagħti lill-awtorità regolatorja nazzjonali fis-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi s-setgħa li timponi: i) għat-telefonija mobbli, frekwenza ta' tiġdid tal-offerti u ta' fatturazzjoni mhux inqas minn erba' ġimgħat, filwaqt li tobbliga lill-operaturi ekonomiċi kkonċernati li jadottaw frekwenza ta' tiġdid tal-offerti u ta' fatturazzjoni fuq bażi mhux ta' kull xahar li jinformaw minnufih lill-utent, billi jibagħtu SMS, bit-tiġdid tal-offerta operata; ii) għat-telefonija fissa, frekwenza ta' tiġdid tal-offerti u ta' fatturazzjoni fuq bażi ta' kull xahar jew li tkopri diversi xhur; iii) fil-każ ta' offerti konverġenti b'telefonija fissa, l-applikazzjoni tal-frekwenza ta' din tal-aħħar?

3) Il-prinċipju ta' proporzjonalità, moqri flimkien mal-Artikoli 49 u 56 TFUE u mal-kuntest ġuridiku armonizzat li jirriżulta mid-Direttivi 2002/19/KE, 2002/20/KE, 2002/21/KE u 2002/22/KE, b'mod partikolari mill-Artikolu 8(2) u (4) tad-Direttiva 2002/21/KE, kif emendata bid-Direttiva 2009/140/KE, mill-Artikolu 3 tad-Direttiva 2002/20/KE, kif emendata bid-Direttiva 2009/140/KE, u mill-Artikoli 20, 21 u 22 tad-Direttiva 2002/22/KE, kif emendata bid-Direttiva 2009/136/KE, interpretati u applikati b'mod korrett, jipprekludi l-adozzjoni mill-awtorità regolatorja nazzjonali fis-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi ta' miżuri regolatorji intiżi li jimponu: i) għat-telefonija mobbli, frekwenza ta' tiġdid tal-offerti u ta' fatturazzjoni mhux inqas minn erba' ġimgħat, filwaqt li tobbliga lill-operaturi ekonomiċi kkonċernati li jadottaw frekwenza ta' tiġdid tal-offerti u ta' fatturazzjoni fuq bażi mhux ta' kull xahar li jinformaw minnufih lill-utent, billi jibagħtu SMS, bit-tiġdid tal-offerta operata; ii) għat-telefonija fissa, frekwenza ta' tiġdid tal-offerti u ta' fatturazzjoni fuq bażi ta' kull xahar jew li tkopri diversi xhur; iii) fil-każ ta' offerti konverġenti b'telefonija fissa, l-applikazzjoni tal-frekwenza ta' din tal-aħħar?

4) Il-prinċipji ta' nondiskriminazzjoni u ta' ugwaljanza fit-trattament, moqrija flimkien mal-Artikoli 49 u 56 TFUE u mal-kuntest ġuridiku armonizzat li jirriżulta mid-Direttivi 2002/19/KE, 2002/20/KE, 2002/21/KE u 2002/22/KE, b'mod partikolari mill-Artikolu 8(2) u (4) tad-Direttiva 2002/21/KE, kif emendata bid-Direttiva 2009/140/KE, mill-Artikolu 3 tad-Direttiva 2002/20/KE, kif emendata bid-Direttiva 2009/140/KE, u mill-Artikoli 20, 21 u 22 tad-Direttiva 2002/22/KE, kif emendata bid-Direttiva 2009/136/KE, interpretati u applikati b'mod korrett, jipprekludu l-adozzjoni mill-awtorità regolatorja nazzjonali fis-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi ta' miżuri regolatorji intiżi li jimponu: i) għat-telefonija mobbli, frekwenza ta' tiġdid tal-offerti u ta' fatturazzjoni mhux inqas minn erba' ġimgħat, filwaqt li tobbliga lill-operaturi ekonomiċi kkonċernati li jadottaw frekwenza ta' tiġdid tal-offerti u ta' fatturazzjoni fuq

bażi mhux ta' kull xahar li jinformaw minnufih lill-utent, billi jibagħtu SMS, bit-tiġdid tal-offerta operata; ii) għat-telefonija fissa, frekwenza ta' tiġdid tal-offerti u ta' fatturazzjoni fuq bażi ta' kull xahar jew li tkopri diversi xhur; iii) fil-każ ta' offerti konverġenti b'telefonija fissa, l-applikazzjoni tal-frekwenza ta' din tal-aħħar?

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 323.
(2) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 337.
(3) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 349.
(4) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 367.
(5) ĠU 2009, L 337, p. 37, rettifika fil-ĠU 2013, L 241, p. 8.
(6) ĠU 2009, L 337, p. 11, rettifika fil-ĠU 2013, L 241, p. 9.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale di Ascoli Piceno (l-Italja) fit-13 ta' Ottubru 2020 – Proċeduri kriminali kontra OL**

**(Kawża C-517/20)**

(2022/C 257/21)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunale di Ascoli Piceno

**Konvenut fil-proċeduri kriminali nazzjonali**

OL

**Domandi preliminari**

1) Il-prinċipji ta' libertà ta' stabbiliment, ta' nondiskriminazzjoni u ta' protezzjoni tal-kompetizzjoni stabbiliti fl-Artikoli 49, 56 u 106 TFUE, kif ukoll il-prinċipju ta' raġonevolezza li jagħmel parti minnhom, jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li, bis-saħħa ta' dispożizzjoni legali jew ta' att nazzjonali li għandu s-saħħa ta' liġi, twassal għall-proroga tal-liċenzji preċedenti u tad-drittijiet tal-ġbir l-oħra attribwiti permezz ta' sejħiet għal offerti jew permezz ta' proċedura ta' regolarizzazzjoni (mingħajr sejħa għal offerti) li l-iskadenza naturali tagħhom kienet diġà ġiet stabbilita għal Ġunju 2016?

2) L-Artikoli 49, 56 u 106 TFUE jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li, permezz tat-teknika tal-attribuzzjoni diretta, implimentata b'att ta' proroga, mhux ippreċedut minn evalwazzjoni kompetittiva minn qabel, twettaq għeluq indebitu tas-suq nazzjonali?

3) L-Artikoli 49, 56 u 106 TFUE jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li, fl-assenza ta' ftuħ fl-istess waqt ta' proċedura ġdida ta' sejħa għal offerti, tawtorizza l-liċenzji kollha li diġà ġew iddikjarati illegali minn deċiżjonijiet suċċessivi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea joperaw fis-suq nazzjonali, b'tali mod li jipprekludi l-aċċess għal operaturi ġodda barranin?

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Income Tax Tribunal of Gibraltar (ir-Renju Unit) fil-21 ta' Diċembru 2020 – Fossil (Gibraltar) Limited vs Commissioner of Income Tax**

**(Kawża C-705/20)**

(2022/C 257/22)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Qorti tar-rinviju**

Income Tax Tribunal of Gibraltar (ir-Renju Unit).

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Fossil (Gibraltar) Limited.

*Konvenut:* Commissioner of Income Tax.

**Domanda preliminari**

L-għoti ta' tnaqqis fit-taxxa mill-Commissioner of Income Tax [(il-Kummissarju tat-Taxxa fuq id-Dħul)] skont l-ITA 2010 għat-taxxi mħallsa fl-Istati Uniti fuq id-dħul tar-rikorrenti mir-royalties imur kontra d-Deċiżjoni ([1]) jew huwa b'xi mod ieħor eskluż minn din id-deċiżjoni?

([1]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/700 tad-19 ta' Diċembru 2018 dwar l-Għajnuna mill-Istat SA.34914 (2013/C) implimentata mir-Renju Unit rigward l-Iskema tat-Taxxa fuq l-Introjtu Korporattiv f'Ġibiltà (notifikata bid-dokument C(2018) 7848) (ĠU 2019, L 119, p. 151).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Rayonen sad – Kula (il-Bulgarija) fil-25 ta' Awwissu 2021 – OP, MN, KL, IJ, GH, EF, CD u AB vs Glavna direktsia "Pozharna bezopasnost i zashtita na naselenieto" kam Ministerstvo na vatreshnite raboti**

**(Kawżi magħquda C-529/21, C-530/21, C-531/21, C-532/21, C-533/21, C-534/21, C-535/21 u C-536/21)**

(2022/C 257/23)

*Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru*

**Qorti tar-rinviju**

Rayonen sad – Kula

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* OP, MN, KL, IJ, GH, EF, CD u AB

*Konvenut:* Glavna direktsia "Pozharna bezopasnost i zashtita na naselenieto" kam Ministerstvo na vatreshnite raboti

**Domandi preliminari**

1) Id-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol ([1]) tapplika f'sitwazzjoni fejn il-karatteristiċi partikolari għal ċerti attivitajiet speċifiċi tas-settur pubbliku, bħalma huma l-forzi armati jew il-pulizija, jew għal ċerti attivitajiet speċifiċi fis-servizzi tal-protezzjoni ċivili, b'mod inevitabbli jmorru kontra tagħha meta jitqies li:

   Id-Direttiva 2003/88 tiddikjara, fl-Artikolu 1(3) tagħha, li hija applikabbli għas-setturi kollha ta' attività, kemm pubbliċi kif ukoll privati, fis-sens tal-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol ([2]);

   L-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 89/391 jipprovdi li din id-direttiva ma tapplikax f'sitwazzjoni fejn il-karatteristiċi partikolari għal ċerti attivitajiet speċifiċi tas-settur pubbliku, bħalma huma l-forzi armati jew il-pulizija, jew għal ċerti attivitajiet speċifiċi fis-servizzi tal-protezzjoni ċivili, b'mod inevitabbli jmorru kontra tagħha?

2) Fl-evalwazzjoni tan-natura ekwivalenti tal-faċilitajiet ta' protezzjoni xierqa fis-sens tal-Artikolu 12(b) tad-Direttiva 2003/88 għal kategorija ta' ħaddiema li jwettqu xogħol ta' billejl u li t-tul tax-xogħol ta' billejl tagħhom ma jaqbiżx is-7 sigħat f'perijodu ta' 24 siegħa, meta mqabbla ma' kategorija oħra ta' ħaddiema li wkoll iwettqu xogħol ta' billejl u li t-tul tax-xogħol ta' billejl tagħhom ma jaqbiżx it-8 sigħat, iżda li jgawdu minn vantaġġi bħalma huma iktar leave, ħruġ iktar bikri bil-pensjoni tal-irtirar, allowances ogħla marbuta mal-pensjoni tal-irtirar kif ukoll remunerazzjoni supplimentari ogħla marbuta mal-anzjanità, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-vantaġġi li jgawdu minnhom il-ħaddiema tat-tieni kategorija?

---

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 381.
([2]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 349.

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Rayonen sad – Kula (il-Bulgarija) fit-30 ta' Novembru 2021 – AB, BC, CD, DE, EF, FG u GH vs Glavna direktsia "Pozharna bezopasnost i zashtita na naselenieto" kam Ministerstvo na vatreshnite raboti

**(Kawżi magħquda C-732/21, C-733/21, C-734/21, C-735/21, C-736/21, C-737/21 u C-738/21)**

(2022/C 257/24)

*Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru*

### Qorti tar-rinviju

Rayonen sad – Kula

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* AB, BC, CD, DE, EF, FG u GH

*Konvenut:* Glavna direktsia "Pozharna bezopasnost i zashtita na naselenieto" kam Ministerstvo na vatreshnite raboti

### Domandi preliminari

1) Id-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol ([1]) tapplika f'sitwazzjoni fejn il-karatteristiċi partikolari għal ċerti attivitajiet speċifiċi tas-settur pubbliku, bħalma huma l-forzi armati jew il-pulizija, jew għal ċerti attivitajiet speċifiċi fis-servizzi tal-protezzjoni ċivili, b'mod inevitabbli jmorru kontra tagħha meta jitqies li:

   Id-Direttiva 2003/88 tiddikjara, fl-Artikolu 1(3) tagħha, li hija applikabbli għas-setturi kollha ta' attività, kemm pubbliċi kif ukoll privati, fis-sens tal-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol ([2]);

   L-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 89/391 jipprovdi li din id-direttiva ma tapplikax f'sitwazzjoni fejn il-karatteristiċi partikolari għal ċerti attivitajiet speċifiċi tas-settur pubbliku, bħalma huma l-forzi armati jew il-pulizija, jew għal ċerti attivitajiet speċifiċi fis-servizzi tal-protezzjoni ċivili, b'mod inevitabbli jmorru kontra tagħha?

2) Fl-evalwazzjoni tan-natura ekwivalenti tal-faċilitajiet ta' protezzjoni xierqa fis-sens tal-Artikolu 12(b) tad-Direttiva 2003/88 għal kategorija ta' ħaddiema li jwettqu xogħol ta' billejl u li t-tul tax-xogħol ta' billejl tagħhom ma jaqbiżx is-7 sigħat f'perijodu ta' 24 siegħa, meta mqabbla ma' kategorija oħra ta' ħaddiema li wkoll iwettqu xogħol ta' billejl u li t-tul tax-xogħol ta' billejl tagħhom ma jaqbiżx it-8 sigħat, iżda li jgawdu minn vantaġġi bħalma huma iktar leave, ħruġ iktar bikri bil-pensjoni tal-irtirar, allowances ogħla marbuta mal-pensjoni tal-irtirar kif ukoll remunerazzjoni supplimentari ogħla marbuta mal-anzjanità, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-vantaġġi li jgawdu minnhom il-ħaddiema tat-tieni kategorija?

---

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 381.
([2]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 349.

**Appell ippreżentat fl-10 ta' Diċembru 2021 minn TUIfly GmbH mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) fid-29 ta' Settembru 2021 fil-Kawża T-619/18, TUIfly GmbH vs Il-Kummissjoni Ewropea**

**(Kawża C-764/21 P)**

(2022/C 257/25)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Appellant:* TUIfly GmbH (rappreżentanti: L. Giesberts u D. Westarp, Rechtsanwälte)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea

B'digriet tad-19 ta' Mejju 2022, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (L-Għaxar Awla) ċaħdet l-appell bħala parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat u kkundannat lill-appellanti għall-ispejjeż rispettivi tagħha.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landesverwaltungsgericht Vorarlberg (l-Awstrija) fit-28 ta' Jannar 2022 – NK**

**(Kawża C-55/22)**

(2022/C 257/26)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Landesverwaltungsgericht Vorarlberg

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* NK

*Konvenut:* Bezirkshauptmannschaft Feldkirch

**Domanda preliminari**

Il-prinċipju ta' *[ne] bis in idem*, kif iggarantit mill-Artikolu 50 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-awtorità amministrattiva kriminali kompetenti ta' Stat Membru hija prekluża milli timponi multa fuq persuna minħabba ksur ta' dispożizzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-logħob tal-ażżard, jekk proċedura amministrattiva mressqa preċedentement kontra l-istess persuna minħabba ksur ta' dispożizzjoni oħra tal-leġiżlazzjoni dwar il-logħob tal-ażżard (jew, b'mod ġenerali, ta' regola fl-istess qasam legali), li kienet tikkonċerna l-istess fatti, tkun ingħalqet b'mod definittiv wara ż-żamma ta' seduta li kienet tinkludi miżuri struttorji?

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Ufficio del Giudice di pace di Rimini (l-Italja) fis-7 ta' Marzu 2022 – BL vs Presidenza del Consiglio dei Ministri**

**(Kawża C-190/22)**

(2022/C 257/27)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Ufficio del Giudice di pace di Rimini.

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* BL

*Konvenuta fil-proċedura:* Presidenza del Consiglio dei Ministri

**Domandi preliminari**

1) Id-dritt tal-Unjoni u, b’mod partikolari, l-Artikoli 15, 20, 30 u 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, il-klawżoli 2 u 4 tal-ftehim qafas ETUC, UNICE u CEEP dwar xogħol għal żmien determinat stabbilit fid-Direttiva 1999/70/KE tal-Kunsill tat-28 ta’ Ġunju 1999 ([1]), il-prinċipju fundamentali ta’ indipendenza u inamovibbiltà tal-imħallef Ewropew, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza UX vs Governo della Repubblica Italiana (EU:C:2020:572), jipprekludu dispożizzjoni nazzjonali bħal ma hija l-Artikolu 29 tad-Digriet Leġiżlattiv tat-13 ta’ Lulju 2017 Nru 116, iktar “il quddiem id-“Digriet Leġiżlattiv Nru 116/2017”, li, mingħajr raġunijiet oġġettivi, tiddiskrimina, fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-membri tal-ġudikatura komparabbli, kontra l-ġudikant rikorrent, minħabba s-sitwazzjoni ta’ fatt segwenti:

— ir-rikorrenti, li ilha giudice di pace (imħallef fil-Qorti Konċiljatorja) bla interruzzjoni mill-2002, għadha ma laħqitx l-età ta’ sebgħin sena, liema età ser tilħaq fl-2022, u ma kinitx laħqet, fid-data tal-15 ta’ Awwissu 2017, iktar minn 16-il sena servizz effettiv bħala ġudikant onorarju;

— għaldaqstant, minkejja li r-regola nazzjonali (Artikolu 29(1) tad-Decreto legislativo n. 116/2017 [id-Digriet Leġiżlattiv Nru 116/2017]) tippermettilha teżerċita l-inkarigu ġudizzjarju sakemm tagħlaq l-età ta’ sebgħin sena, ir-rikorrenti ma tistax tipparteċipa fl-ewwel evalwazzjoni ta’ konferma tar-rwol sat-tmiem ta’ ġudikant onorarju, li ser titnieda mill-Consiglio superiore della maġistratura (il-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura) fl-2022, kif previst fl-Artikolu 29(3) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 116/2017;

— bħala konsegwenza ulterjuri, peress li ma tistax tagħmel it-talba għall-parteċipazzjoni fil-proċedura ta’ evalwazzjoni ta’ konferma tar-rwol sat-tmiem ta’ ġudikant onorarju prevista fl-2022, ir-rikorrenti, li diġà temmet l-inkarigu ġudizzjarju qabel il-31 ta’ Diċembru 2021 għaliex għalqet 68 sena fuq il-bażi tas-sistema msemmija, ma tkunx tista’ tidħol lura f’xogħolha mill-1 ta’ Jannar 2022 għaliex ir-regola l-ġdida, minkejja li tipprevedi li dak li jkun jibqa’ fis-servizz sakemm jagħlaq 70 sena jekk kien fis-servizz fil-15 ta’ Awwissu 2017, jipprevedi wkoll it-terminazzjoni mis-servizz [għal] dawk li ma jkunux jistgħu jippreżentaw it-talba għall-konferma fl-inkarigu (Artikolu 29(9) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 116/2017);

— fuq il-bażi tal-imsemmija regola nazzjonali, ir-rikorrenti ser tirċievi mingħand il-gvern Taljan biss kumpens għad-danni ekwivalenti għal €1,500 – €2,500 fis-sena għal kull sena ta’ servizz fir-rigward tan-numru ta’ seduti miżmuma fis-sena, sa mhux iktar minn € 50,000, u jkollha tirrinunzja, barra minn hekk, għad-drittijiet retributtivi, regolamentari u kontributtivi li ntalbu fil-kawża pendenti quddiem it-TAR Emilia Romagna (Tribunale Amministativo Regionale Emilia Romagna, il-Qorti Amministrattiva Reġjonali tal-Emilia Romagna, l-Italja) u ggarantiti mid-dritt tal-Unjoni għas-servizz ġudizzjarju mwettaq bħala ħaddiem dipendenti, imma bħala tali mhux irrikonoxxuti mill-gvern Taljan, inkluża l-kopertura ta’ kontribuzzjonijiet tar-relazzjoni ta’ xogħol u l-ħlasijiet tas-sigurtà soċjali konsegwenti;

— it-TAR Emilia Romagna (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali tal-Emilia Romagna) permezz ta’ miżura kawtelatorja tad-9 ta’ Frar 2022, b’applikazzjoni tas-sentenza UX tal-Qorti tal-Ġustizzja u kontra r-regola nazzjonali u skont il-parir tas-16 u 17 ta’ Frar tal-2022 tal-Consiglio superiore della magistratura (il-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura), ordnat ir-riammissjoni fl-inkarigu ġudizzjarju ta’ mħallef fil-Qorti Konċiljatorja [tar-rikorrenti] sakemm tagħlaq 70 sena;

— il-president tat-Tribunale di Rimini (il-Qorti Distrettwali ta’ Rimini, l-Italja), b’osservanza tal-miżura kawtelatorja tat-TAR Emilia Romagna, ordna, b’digriet tal-1 ta’ Marzu 2022, ir-riammissjoni immedjata tar-rikorrenti fis-servizz;

— lil din il-qorti tar-rinviju qed jintalab, bħala kumpens għad-danni minħabba l-ksur ċar u kostanti tad-dritt tal-Unjoni mill-gvern Taljan tal-istatus ġuridiku u tad-drittijiet tal-ġudikanti onorarji, somma ekwivalenti għall-ħlas li r-rikorrenti kellha tirċievi mill-10 sat-28 ta’ Frar 2022, l-istess bħal dik ta’ ġudikant professjonista komparabbli, fuq il-bażi tad-digriet kawtelatorju ta’ riammissjoni del TAR Emilia Romagna, li tmur kontra r-regola nazzjonali li, għalkemm tirrikonoxxi n-nuqqas fil-konfront tad-dritt tal-Unjoni, minn naħa tipprekludi kull possibbiltà ta’ riammissjoni fis-servizz sa għeluq is-70 sena tal-ġudikant onorarju rikorrenti li, kontra r-rieda tagħha, temmet l-inkarigu sal-31 ta’ Diċembru 2021 minħabba miżura ġudizzjarja kawtelatorja tal-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat) maħruġa bi ksur tas-sentenza UX tal-Qorti tal-Ġustizzja, u min-naħa l-oħra tillimita l-kumpens għad-dannu subit mir-rikorrenti għal somma fissa predeterminata mir-regola għal livell ħafna iktar baxx meta mqabbel mad-dannu effettivament subit minħabba l-ksur tad-drittijiet iggarantiti mill-Unjoni?

2) Fil-każ ta' risposta affermattiva għall-ewwel domanda, l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, flimkien mal-Artikolu 267 TFUE, il-klawżoli 2 u 4 tal-ftehim qafas ftehim qafas dwar xogħol għal żmien determinat konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP CES, UNICE stabbilit mid-Direttiva 1999/70/KE tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 1999, il-prinċipju fundamentali ta' indipendenza u inamovibbiltà tal-imħallef Ewropew jipprekludu regola nazzjonali – bħall-Artikolu 21 tad-Digriet Leġiżlattiv tat-13 ta' Lulju 2017 Nru 116 – li tesponi l-imħallef tal-Qorti Konċiljatorja tar-rinviju, mingħajr il-protezzjoni legali, ekonomika u ta' sigurtà soċjali effettivi, li jkun irid japplika d-dritt tal-Unjoni, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza UX, billi ma japplikax ir-regoli nazzjonali li jipprekludu r-rikonoxximent tal-protezzjoni mitluba, għat-terminazzjoni awtomatika tal-inkarigu ġudizzjarju mill-organi tal-Istat Taljan li huwa parti fil-kawża prinċipali, bħall-Consiglio superiore della magistratura u l-Ministero della Giustizia (il-Ministeru tal-Ġustizzja), mingħajr kontradittorju u mingħajr il-proċedura dixxiplinari prevista qabel id-dħul fis-seħħ tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 116/2017?

3) Fil-każ ta' risposta affermattiva għall-ewwel żewġ domandi, tikkostitwixxi ksur tal-"**Istat tad-Dritt**", skont il-kunċett iddefinit mill-Artikolu 2(a) tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni ([2]), sitwazzjoni interna fl-Istat Taljan li fiha:

— ir-rikorrenti mħallef fil-Qorti Konċiljatorja u 4 769 ġudikant onorarju ieħor li kienu diġà fis-servizz fil-15 ta' Awwissu 2017, fosthom l-imħallef ta' dan ir-rinviju, jirriżultaw imċaħħda mill-protezzjoni leġiżlattiva, ekonomika u ta' sigurtà soċjali pprovduti lill-ġudikanti professjonali komparabbli, u għaldaqstant ma jkunux jistgħu jwettqu l-inkarigu ġudizzjarju f'kundizzjonijiet ta' indipendenza u ta' inamovibbiltà;

— il-gvern Taljan u l-"persuna li timpjega", jiġifieri l-Ministero della Giustizia, il-parlament nazzjonali, il-Consiglio superiore della magistratura, is-Suprema Corte di Cassazione (il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni), u l-Consiglio di Stato jirrifjutaw sistematikament li jirrikonoxxu s-supremazija tad-Dritt tal-Unjoni u japplikaw il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja għall-istatus ġuridiku u d-drittijiet iggarantiti mir-regola tal-Unjoni għall-imħallef tal-Qorti Konċiljatorja rikorrenti u għal 4 769 ġudikant onorarju li jinsabu fl-istess kundizzjonijiet ta' twettiq tal-funzjonijiet ġudizzjarji bħal dawk tal-ġudikanti professjonali;

— 4 769 ġudikant onorarju, fosthom l-imħallef li qed jagħmel dan ir-rinviju u eskluża r-rikorrenti, li kienu ġà fis-servizz fil-15 ta' Awwissu 2017, ser ikollhom jirrinunzjaw għal kull dritt iggarantit mill-Unjoni jekk ikunu jridu jissuġġettaw lilhom infushom għal proċedura ġdida ta' evalwazzjoni, b'riżultat pożittiv, sabiex ikomplu fis-servizz sakemm jilħqu l-età ta' sebgħin sena, minkejja li l-imsemmija ġudikanti onorarji jkunu rċevew mill-Consiglio superiore della magistratura u mill-Ministero della Giustizia, fuq il-bażi tal-liġi fis-seħħ sal-31 ta' Mejju 2021, il-konferma tal-inkarigu sal-31 ta' Mejju 2024 u f'kull każ sad-data tat-terminazzjoni awtomatika tal-inkarigu minħabba l-età, peress li jkun hemm, wara l-"istabilizzazzjoni" tal-inkarigu, preġudizzju għall-indipendenza u għall-inamovibbiltà tal-ġudikant onorarju "stabilizzat";

— l-għajnuna finanzjarja mill-baġit tal-Unjoni għar-riforma tal-ġustizzja ċivili u kriminali fl-Italja lejn proċess ekwu fi żminijiet qosra, kif iddefiniti mill-PNRR, ma jipprevedu ebda miżura ta' sostenn tal-ġudikatura onorarja u huma fil-parti l-kbira indirizzati għall-integrazzjoni fil-pożizzjoni għal żmien determinat ta' 16,500 uffiċjal amministrattiv "persunal fl-uffiċċju tal-proċess", ingaġġati b'relazzjoni ta' xogħol subordinat fil-Ministero della Giustizia bl-istess kundizzjonijiet ekonomiċi tal-ġudikatura onorarja "stabilizzata", imma b'kundizzjonijiet ta' inamovibbiltà fuq livell dixxiplinari għat-tul kollu tar-relazzjoni li lanqas ma huma rrikonoxxuti għall-ġudikatura onorarja wara l-"istabilizzazzjoni"?

4) Jekk tingħata risposta pożittiva għall-ewwel tliet domandi, l-Artikolu 278 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea TFUE u l-Artikolu 160 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja huma illeġittimi, għaliex imorru kontra l-Artikoli 2, 6 u 19 tat-Trattat [dwar l-Unjoni Ewropea], sa fejn ma jippermettux lill-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest tal-proċeduri għal deċiżjoni preliminari mressqa fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE, l-adozzjoni tal-miżuri provviżorji neċessarji li jinkludu s-sospensjoni ta' atti leġiżlattivi nazzjonali li jippreġudikaw l-Istat tad-Dritt u l-interessi finanzjarji tal-Unjoni skont il-prinċipji u l-kondizzjonalitajiet imsemmija fir-Regolament 2020/2092.

---

([1]) Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP (GU Edizzjoni Speċjali, Kapitolu 5, Vol. 3. P. 368).

([2]) (GU 2020, L 433I, p. 1, Rettifika fil-ĠU L 373, p. 94).

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Rechtbank Den Haag, zittingsplaats ’s-Hertogenbosch (il-Pajjiżi l-Baxxi) fit-18 ta’ Marzu 2022 – F vs Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid

**(Kawża C-208/22)**

(2022/C 257/28)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

### Qorti tar-rinviju

Rechtbank Den Haag, zittingsplaats ’s-Hertogenbosch

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrent:* F

*Konvenut:* Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid

### Domandi preliminari

1) Fid-dawl tal-premessi 3, 32 u 39 tiegħu u moqri flimkien mal-Artikoli 1, 4, 18, 19 u 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta’ pajjiż terz jew persuna apolida (iktar ’il quddiem ir-“Regolament Dublin”) ([1]) għandu jiġi interpretat u applikat fis-sens li l-prinċipju ta’ fiduċja reċiproka bejn l-Istati huwa indiviżibbli b’tali mod li ksur serju u sistematiku tad-dritt tal-Unjoni, imwettaq qabel it-trasferiment mill-Istat Membru probabbilment responsabbli fir-rigward ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi li (għadhom) ma humiex is-suġġett ta’ deċiżjoni ta’ ritorn taħt dan l-istess regolament, jipprekludi b’mod assolut trasferiment lejn dan l-Istat Membru?

2) Jekk id-domanda preċedenti tingħata risposta fin-negattiv, l-Artikolu 3(2) tar-Regolament Dublin moqri flimkien mal-Artikoli 1, 4, 18, 19 u 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi interpretat fis-sens li, jekk l-Istat Membru eventwalment responsabbli jikser b’mod serju u sistematiku d-dritt tal-Unjoni, l-Istat Membru li jwettaq it-trasferiment taħt ir-Regolament Dublin ma jistax jibbaża ruħu fuq il-prinċipju ta’ fiduċja reċiproka bejn l-Istati iżda għandu jneħħi kull dubju jew jistabbilixxi b’mod suffiċjenti li r-rikorrent mhux ser jitqiegħed, wara t-trasferiment, f’sitwazzjoni li tmur kontra l-Artikolu 4 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea?

3) Liema huma l-provi li r-rikorrent għandu jipproduċi insostenn tal-argumenti tiegħu li l-Artikolu 3(2) tar-Regolament Dublin jipprekludi t-trasferiment tiegħu u liema livell ta’ prova għandu jkun applikabbli f’dan ir-rigward? Fid-dawl tar-riferimenti li r-Regolament ta’ Dublin jagħmel għall-acquis tal-Unjoni fil-premessi tiegħu, l-Istat Membru li jwettaq it-trasferiment għandu obbligu ta’ kooperazzjoni u/jew obbligu ta’ verifika jew, fil-każ ta’ ksur serju u sistematiku tad-drittijiet fundamentali fir-rigward ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi, huwa neċessarju li jinkisbu mill-Istat Membru responsabbli garanziji individwali li d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent (effetivament) ser jiġu rrispettati wara t-trasferiment? Ir-risposta għal din id-domanda tkun differenti jekk ir-rikorrent ma jkunx jista’ jsostni d-dikjarazzjonijiet konsistenti u ddettaljati tiegħu permezz ta’ dokumenti, meta, fid-dawl tan-natura ta’ dawn id-dikjarazzjonijiet, dan ma jkunx jista’ jiġi mistenni minnu?

4) Ir-risposta għad-domandi preċedenti tal-punt 3 tkun differenti jekk l-applikant jistabbilixxi b’mod suffiċjenti li lmenti quddiem l-awtoritajiet u/jew użu ta’ rimedji ġudizzjarji fl-Istat Membru responsabbli mhux ser ikunu possibbli u/jew effettivi?

([1]) ĠU 2013, L 180, p. 31, rettifika fil-ĠU 2017, L 49, p. 50.

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Finanzgericht Hamburg (il-Ġermanja) fit-18 ta’ Marzu 2022 – Stappert Deutschland GmbH vs Hauptzollamt Hannover

**(Kawża C-210/22)**

(2022/C 257/29)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Qorti tar-rinviju

Finanzgericht Hamburg

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Stappert Deutschland GmbH

*Konvenut:* Hauptzollamt Hannover

**Domandi preliminari**

1. Il-kunċett ta' "profili vojta" li jinsab fir-regola ta' oriġini rigward is-subintestatura 7304 41 tas-sistema armonizzata tal-Anness 22-01 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446 tat-28 ta' Lulju 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' regoli ddettaljati li jikkonċernaw uħud mid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ([1]), li jissuġġetta l-akkwist tal-oriġini għal "bidla minn profili vojta tas-sottointestatura 7304 49" (regola ta' oriġini tal-profili vojta), ikopri materja tas-subintestatura 7304 49 tas-sistema armonizzata maħduma bis-sħana, dritta u bil-ħxuna tal-ġnub uniformi, li ma tissodisfax ir-rekwiżiti ta' standard tekniku għall-pajpijiet tal-azzar mingħajr saldatura u maħduma bis-sħana u li minnha jiġu prodotti, bi ħdim fil-kiesaħ, pajpijiet ta' sezzjoni trażversali differenti u ta' ħxuna tal-ġnub differenti?

2. Jekk għall-ewwel domanda tingħata risposta fin-negattiv jew jekk ma hemmx bżonn li tingħata risposta għaliha: ir-regola ta' oriġini tal-profili vojta tmur kontra l-Artikoli 60(2) u 284 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ([2]), kif ukoll kontra l-Artikolu 290 TFUE, għaliex

   a) ma hijiex immotivata,

   b) hija vaga wisq, jew

   c) hija teskludi d-determinazzjoni tal-oriġini tal-operazzjonijiet ta' pproċessar makkinarju li jkunu jagħtu l-oriġini skont l-Artikolu 60(2) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013?

3. Jekk għat-tieni domanda tingħata risposta fl-affermattiv: fit-tilwima fil-kawża prinċipali, l-akkwist tal-oriġini tal-prodotti li jaqgħu taħt is-subintestatura 7304 41 tas-sistema armonizzata huwa ddeterminat mir-regola ta' oriġini rigward is-subintestatura 7304 41 tas-sistema armonizzata tal-Anness 22-01 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 "CTH", mir-regola residwali fil-Kapitolu 73 tas-sistema armonizzata tal-Anness 22-01 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 jew mill-Artikolu 60(2) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013?

([1]) ĠU 2015, L 343, p. 1; rettifiki fil-ĠU 2016, L 87, p. 35, ĠU 2017, L 101, p. 164, ĠU 2018, L 75, p. 41 u ĠU 2021, L 382, p. 60.
([2]) ĠU 2013, L 269, p. 1; rettifiki fil-ĠU 2013, L 287, p. 90 u fil-ĠU 2016, L 267, p. 2.

## Rikors ippreżentat fil-25 ta' Marzu 2022 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Portugiża

## (Kawża C-220/22)

(2022/C 257/30)

*Lingwa tal-kawża: il-Portugiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: I. Melo Sampaio u M. Noll-Ehlers, aġenti)

*Konvenut:* Ir-Repubblika Portugiża

**Talbiet**

— tiddikjara li billi qabeż, b'mod sistematiku u persistenti, il-valuri ta' limitu annwali ta' $NO_2$, sa mill-1 ta' Jannar 2010, fiż-żoni PT-3001 Lisboa Norte, PT-1004 Porto Litoral u PT-1009 Entre Douro e Minho (li qabel kienet PT-1001 Braga), il-Portugall naqas milli jwettaq l-obbligi imposti fuqu bis-saħħa tal-Artikolu 13(1), moqri flimkien mal-Parti B tal-Anness XI tad-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità ta' l-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa ([1]);

— tiddikjara li l-Portugall ma wettaqx l-obbligi imposti fuqu bis-saħħa tal-Artikolu 23(1) tad-Direttiva 2008/50/KE, individwalment u moqri flimkien mal-Parti A tal-Anness XV tal-imsemmija direttiva, fir-rigward ta’ dawn iż-żoni kollha, u b’mod partikolari l-obbligu impost fuqu bis-saħħa tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(1) li jadotta l-miżuri adegwati sabiex il-perijodu ta’ skadenza jkun l-iqsar possibbli;

— tikkundanna lir-Repubblika Portugiża għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

L-informazzjoni trażmessa mill-Portugall turi li sa mill-1 ta’ Jannar 2010 dan l-Istat Membru jinsab f’qagħda ta’ nuqqas ta’ twettiq tal-obbligi imposti fuqu bis-saħħa tal-Artikolu 13(1) moqri flimkien mal-Parti B tal-Anness XI tad-Direttiva 2008/50, sa fejn qed isir riferiment għaż-żoni Porto Litoral (PT-1004), Entre Douro e Minho (PT-1009) u Lisboa Norte (PT-3001).

Minbarra dan, l-awtoritajiet Portugiżi ma adottawx jew ma implimentawx il-miżuri kollha xierqa u neċessarji sabiex jiggarantixxu li l-perijodu ta’ skadenza fiż-żoni Lisboa Norte (PT-3001), Porto Litoral (PT-1004) u Entre Douro e Minho (PT-1009), tal-valuri ta’ limitu annwali ta’ $NO_2$ previst fl-Artikolu 13(1) moqri flimkien mal-Parti B tal-Anness XI tad-Direttiva 2008/50 ikun l-iqsar possibbli konformement ma kif rikjest mill-Artikolu 23(1) tal-imsemmija direttiva.

(1) ĠU 2008, L 152, p. 1.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consiglio di Stato (l-Italja) fil-31 ta’ Marzu 2022 – Nexive Commerce Srl *et* vs Autorità per le Garanzie nelle Comunicazioni *et***

**(Kawża C-226/22)**

(2022/C 257/31)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Consiglio di Stato

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Nexive Commerce Srl, Nexive Scarl, Nexive Services Srl, Nexive Network Srl, Nexive SpA, Brt SpA, A.I.C.A.I. Associazione Italiana Corrieri Aerei Internazionali, DHL Express (Italy) Srl, TNT Global Express Srl, Fedex Express Italy Srl, United Parcel Service Italia Srl, General Logistics Systems Enterprise Srl, General Logistics Systems Italy SpA, Federal Express Europe Inc. Filiale Italiana

*Konvenuti:* Autorità per le Garanzie nelle Comunicazioni, Presidenza del Consiglio dei Ministri, Ministero dell’Economia e delle Finanze, Ministero dello Sviluppo Economico

**Domandi preliminari**

1) Ir-raba’ inċiż tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(2), l-Artikolu 9(3), u l-Artikolu 22 tad-Direttiva 97/67/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Diċembru 1997 dwar regoli komuni għall-iżvilupp tas-suq intern tas-servizzi postali tal-Komunità u t-titjib fil-kwalità tas-servizz [1], kif emendata bid-Direttiva 2008/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta’ l-20 ta’ Frar 2008 li temenda d-Direttiva 97/67/KE dwar it-tlestija kompleta tas-suq intern tas-servizzi postali Komunitarji [2], għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu regola nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fl-ordinament Taljan (kif ifformulata fl-Artikoli 1(65) u (66) tal-Liġi tat-23 ta’ Diċembru 2005 Nru 266, u 65 tad-Digriet Liġi tat-23 ta’ April 2017, Nru 50 li saret liġi, bl-emendi, bil-Liġi tal-21 ta’ Ġunju 2017, Nru 96), li tippermetti li jintefa’ esklużivament fuq il-fornituri tas-settur postali, inklużi dawk li jidħlu fil-kamp ta’ applikazzjoni tas-servizz universali, l-obbligu li jikkontribwixxu finanzjarjament għall-ispejjeż operattivi tal-awtorità regolatorja tas-settur postali, u b’dan il-mod tammetti l-possibbiltà li tiġi eskluża kull forma ta’ kofinanzjament pubbliku mill-fondi statali?

2) Ir-raba' inċiż tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(2) u l-Artikolu 22 tad-Direttiva 97/67/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 1997 dwar regoli komuni għall-iżvilupp tas-suq intern tas-servizzi postali tal-Komunità u t-titjib fil-kwalità tas-servizz, kif emendata bid-Direttiva 2008/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Frar 2008 li temenda d-Direttiva 97/67/KE dwar it-tlestija kompleta tas-suq intern tas-servizzi postali Komunitarji, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jippermettu li jiġu inklużi wkoll fost l-ispejjeż operattivi li jistgħu jiġu ffinanzjati mill-fornituri ta' servizzi postali l-ispejjeż li jkollhom jiġu sostnuti għall-attivitajiet regolatorji li jkunu jirrigwardaw servizzi postali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-servizz universali, kif ukoll l-ispejjeż għal strutturi amministrattivi u ta' natura politika (magħrufa bħala strutturi "trażversali") li l-attivitajiet tagħha, anki jekk ma tkunx direttament intiża għar-regolamentazzjoni tas-swieq tas-servizzi postali, tirriżulta madankollu funzjonali għat-twettiq tal-kompetenzi istituzzjonali tal-awtorità bil-possibbiltà konsegwenti ta' attribuzzjoni indiretta u parzjali tagħha (pro quota) fis-settur tas-servizzi postali?

3) Il-prinċipju ta' proporzjonalità, il-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni, ir-raba' inċiż tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(2), l-Artikolu 9(3), u l-Artikolu 22 tad-Direttiva 97/67/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 1997 dwar regoli komuni għall-iżvilupp tas-suq intern tas-servizzi postali tal-Komunità u t-titjib fil-kwalità tas-servizz, kif emendata bid-Direttiva 2008/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Frar 2008 li temenda d-Direttiva 97/67/KE dwar it-tlestija kompleta tas-suq intern tas-servizzi postali Komunitarji, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu regola nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fl-ordinament Taljan (kif ifformulata fl-Artikoli 1(65) u (66) tal-Liġi tat-23 ta' Diċembru 2005 Nru 266, u 65 tad-Digriet Liġi tat-23 ta' April 2017, Nru 50 li saret liġi, bl-emendi, bil-Liġi tal-21 ta' Ġunju 2017, Nru 96), li timponi li jintefa' fuq il-fornituri tas-settur postali l-obbligu li jikkontribwixxu għall-finanzjament tal-awtorità regolatorja tas-settur postali, mingħajr il-possibbiltà li ssir distinzjoni tal-pożizzjoni tal-fornituri ta' servizzi ta' posta espressa mill-pożizzjoni tal-fornituri tas-servizz universali u, għaldaqstant, mingħajr il-possibbiltà ta' evalwazzjoni tal-intensità differenti tal-attività ta' regolamentazzjoni mwettqa mill-awtorità regolatorja nazzjonali fir-rigward tat-tipi differenti ta' servizzi postali?

---

(1) GU Edizzjoni speċjali, Kapitolu 6, Vol. 3, p. 71.
(2) GU 2008, L 52, p. 3.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour d'appel de Bruxelles (il-Belġju) fl-1 ta' April 2022 – État belge vs Autorité de protection des données**

**(Kawża C-231/22)**

(2022/C 257/32)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

### Qorti tar-rinviju

Cour d'appel de Bruxelles

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrent:* État belge

*Konvenut:* Autorité de protection des données

### Domandi preliminari

1) Il-punt 7 tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) [1] għandu jiġi interpretat fis-sens li ġurnal uffiċjali ta' Stat Membru – vestit b'missjoni ta' servizz pubbliku ta' pubblikazzjoni u ta' arkivjar ta' dokumenti uffiċjali, li, taħt il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli, huwa responsabbli li jippubblikaw l-atti u d-dokumenti uffiċjali li l-pubblikazzjoni tagħhom hija ordnata minn korpi pubbliċi terzi, kif jiġu kkomunikati minn dawn l-korpi wara li huma stess ipproċessaw data personali li tinsab f'dawn l-atti u dokumenti, mingħajr ma l-ġurnal uffiċjali ngħata mil-leġiżlatur nazzjonali setgħa diskrezzjonali dwar il-kontenut tad-dokumenti li għandhom jiġu ppubblikati, u dwar l-iskop u l-mezzi tal-pubblikazzjoni – għandu l-istatus ta' kontrollur tad-data?

2) Jekk l-ewwel domanda tingħata risposta fl-affermattiv, l-Artikolu 5(2) tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data għandu jiġi interpretat fis-sens li l-ġurnal uffiċjali inkwistjoni għandu jkun l-uniku wieħed responsabbli għall-osservanza tal-obbligi tal-kontrollur tad-data skont kliem din id-dispożizzjoni, bl-esklużjoni ta' korpi pubbliċi terzi li minn qabel ipproċessaw id-data li tinsab fl-atti u fid-dokumenti uffiċjali li tagħhom huma jitolbu l-pubblikazzjoni minnu, jew dawn l-obbligi huma imposti b'mod kumulattiv fuq kull wieħed mill-kontrolluri tad-data suċċessivi?

([1]) ĠU 2016, L 119, p. 1, rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 2.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour de cassation (il-Belġju) fil-5 ta' April 2022 – État belge u Promo 54 vs Promo 54 u État belge**

**(Kawża C-239/22)**

(2022/C 257/33)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Cour de cassation

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* État belge, Promo 54

*Konvenuti:* Promo 54, État belge

**Domanda preliminari**

L-Artikoli 12(1) u (2) u 135(1)(j) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE ta' 28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ([1]) għandhom jiġu interpretati fis-sens li, fin-nuqqas tal-Istat Membru li jiddefinixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-kriterju tal-ewwel okkupazzjoni għall-bdil ta' bini, il-provvista, wara l-bdil, ta' bini li kien is-suġġett, qabel il-bdil, tal-ewwel okkupazzjoni fis-sens tal-Artikolu 12(1)(a) jew tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 12(2) tad-direttiva, tibqa' eżentata mit-taxxa fuq il-valur miżjud?

([1]) ĠU 2006, L 347, p. 1.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal da Relação de Évora (il-Portugall) fis-6 ta' April 2022 – TL**

**(Kawża C-242/22)**

(2022/C 257/34)

*Lingwa tal-kawża: il-Portugiż*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal da Relação de Évora

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* TL

*Parti oħra fil-proċedura:* Ministério Público

**Domanda preliminari**

L-Artikoli 1 u 3 tad-Direttiva 2010/64/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar id-drittijiet għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni fi proċedimenti kriminali [1] u l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2012/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali [2], ikkunsidrati waħedhom jew flimkien mal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB) jistgħu jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux regola tad-dritt nazzjonali li timponi piena ta' nullità relattiva, suġġett għall-invokazzjoni tagħha, minħabba l-assenza ta' ħatra ta' interpretu jew ta' traduzzjoni tal-atti proċesswali essenzjali għall-persuna li qed tiddefendi ruħha li ma tifhimx il-lingwa tal-kawża, u li tippermetti li din in-nullità tiġi rrettifikata bid-dekorriment taż-żmien?

[1] ĠU 2010, L 280, p. 1.
[2] ĠU 2012, L 142, p. 1.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Fővárosi Törvényszék (l-Ungerija) fit-22 ta' April 2022 – Global NRG Kereskedelmi és Tanácsadó Zrt. vs Magyar Energetikai és Közmű-szabályozási Hivatal**

**(Kawża C-277/22)**

(2022/C 257/35)

*Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż*

**Qorti tar-rinviju**

Fővárosi Törvényszék

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Global NRG Kereskedelmi és Tanácsadó Zrt.

*Konvenut:* Magyar Energetikai és Közmű-szabályozási Hivatal

Parti interessata intervenjenti insostenn tal-konvenut: FGSZ Földgázszállító Zrt.

**Domandi preliminari**

1) L-Artikolu 41(7) tad-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 2003/55/KE [1], moqri fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li, fil-proċedimenti tal-awtorità regolatorja ta' dan l-Istat Membru fejn jiġu ffissati t-tariffi għall-użu tan-network, it-tariffi tas-servizzi li jistgħu jipprovdu l-operaturi tas-sistema permezz ta' tariffi speċjali u t-tariffi ta' konnessjoni, tiġi rikonoxxuta lill-operaturi tas-sistema unikament il-kundizzjoni ta' parti direttament affettwata li, bħala tali, għandha dritt ta' appell minn deċiżjoni adottata fil-proċedimenti?

2) F'każ ta' risposta affermattiva għall-ewwel domanda, l-Artikolu 41(17) tad-Direttiva 2009/73, moqri fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, għandu jiġi interpretat fis-sens li, b'applikazzjoni tal-imsemmija dispożizzjoni għal każ bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għandu jiġi kkunsidrat bħala persuna affettwata mill-imsemmija deċiżjoni tal-awtorità regolatorja tal-Istat Membru li permezz tagħha jiġu ffissati t-tariffi għall-użu tan-network, it-tariffi tas-servizzi li jistgħu jipprovdu l-operaturi tas-sistema permezz ta' tariffi speċjali u t-tariffi ta' konnessjoni, u, bħala tali, li għandha dritt ta' appell minn din id-deċiżjoni, aġent tas-suq tal-gass naturali li jkun jinsab f'sitwazzjoni bħal dik tar-rikorrenti, li mingħandha l-operaturi tas-sistema jitolbu ħlas, abbażi ta' din id-deċiżjoni, ta' tariffa għas-servizz li jista' jingħata għal tariffa speċjali?

[1] ĠU 2009, L 211, p. 94.

---

**Appell ippreżentat fit-22 ta’ April 2022 minn Michaël Julien mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (L-Għaxar Awla) fl-24 ta’ Frar 2022 fil-Kawża T-442/21, Rhiannon Thomas u Michaël Julien vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea**

**(Kawża C-285/22 P)**

(2022/C 257/36)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

## Partijiet

*Appellant:* Michaël Julien (rappreżentanti: J. Fouchet u J.-N. Caubet-Hilloutou, avocats)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

## Talbiet

L-appellant jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla d-digriet T-442/21 mogħti fl-24 ta’ Frar 2022 mill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea;

— tannulla d-Deċiżjoni 2021/689 [1] meħuda mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fid-29 ta’ April 2021, sa fejn tapprova l-Artikolu Comprov16 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ iffirmat fit-30 ta’ Diċembru 2020 mill-Unjoni Ewropea u mir-Renju Unit u sa fejn dan il-ftehim ma jżommx il-libertà ta’ moviment għall-Brittaniċi li għandhom rabtiet tal-familja u patrimonjali stretti fit-territorju tal-Unjoni Ewropea;

— tikkundanna lill-Unjoni Ewropea għall-ispejjeż tal-proċedura kollha, inklużi l-ispejjeż tal-avukat sa EUR 5 000.

## Aggravji u argumenti prinċipali

Insostenn tal-appell tiegħu, l-appellant isostni li l-organizzazzjoni tal-irtirar tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea hija, f’dak li jirrigwarda d-drittijiet tal-persuni, ikkonċepita ristrettivament, u li l-indifferenza tal-Ftehim dwar il-Kummerċ għad-drittijiet tal-individwi taffettwa s-sitwazzjoni tiegħu bħala ċittadin Brittaniku ta’ oriġini Franċiża, li għandu l-familja Franċiża u li fi Franza huwa proprjetarju ta’ proprjetà immobbli li fiha jirrisjedi regolarment matul iktar minn 90 jum.

Konsegwentement, l-appellant għandu interess li jagħtih *locus standi* kontra d-deċiżjoni ta’ konklużjoni tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni u l-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 263 TFUE billi ma rrikonoxxitulux, li għandu jwassal sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-digriet tagħha u li tiddeċiedi l-kawża fuq il-mertu.

B’mod partikolari, il-Qorti Ġenerali wettqet żbalji ta’ liġi fl-evalwazzjoni tagħha tal-kriterji ta’ ammissibbiltà tar-rikors stabbiliti mir-raba’ paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. Fil-fatt, minn naħa, l-atti kkontestati, inkwantu atti ta’ portata ġenerali mhux suġġetti għall-proċedura leġiżlattiva, huma tassew atti regolatorji; min-naħa l-oħra, peress li l-Ftehim dwar il-Kummerċ ma jipprevedi xejn għaċ-ċittadini Brittaniċi li żammew rabtiet personali, tal-familja jew patrimonjali stretti mal-Unjoni Ewropea, għalihom ma jinkludi ebda miżura ta’ eżekuzzjoni.

Barra minn hekk, anki l-kriterju ta’ inċidenza diretta tas-sitwazzjoni individwali tal-appellant huwa ssodisfatt, sa fejn id-dritt għall-ħajja privata u tal-familja, għaċ-ċertezza legali, għall-użu paċifiku u liberu tad-dritt għall-proprjetà tiegħu, li jiddependu mil-liberta ta’ moviment tiegħu, huma rrifjutati lilu mill-Ftehim dwar il-Kummerċ, peress li dan tal-aħħar ma jppreveda xejn għaċ-ċirku ristrett ta’ persuni li huma fl-istess sitwazzjoni.

Għaldaqstant, l-appellant huwa affettwat b’mod suffiċjentement individwali mill-ommissjonijiet tal-Ftehim dwar il-Kummerċ f’dak li jirrigwarda l-liberta ta’ moviment tal-Brittaniċi li żammew fit-territorju tal-Unjoni Ewropea rabtiet personali, tal-familja u patrimonjali stretti.

[1] Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/689 tad-29 ta’ April 2021 dwar il-konklużjoni, f’isem l-Unjoni, tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta’ Fuq, min-naħa l-oħra, u tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta’ Fuq dwar il-proċeduri ta’ sigurtà għall-iskambju u għall-protezzjoni ta’ informazzjoni klassifikata (ĠU 2021, L 149, p. 2).

**Rikors ippreżentat fis-16 ta' Mejju 2022 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tas-Slovenja**

**(Kawża C-328/22)**

(2022/C 257/37)

*Lingwa tal-kawża: is-Sloven*

## Partijiet

*Rikorrent:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: B. Rous Demiri, E. Sanfrutos Cano)

*Konvenut:* Ir-Repubblika tas-Slovenja

## Talbiet

1. tikkonstata li, billi ma installatx sistemi ta' pajpijiet adegwati għall-ilma urban mormi

   — konformement mal-Artikolu 4 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE tal-21 ta' Mejju 1991 dwar it-trattament ta' l-ilma urban mormi [1] fl-agglomerazzjonijiet ta' Kočevje, Trbovlje, Loka u Ljubljana;

   — konformement mal-Artikolu 5 tad-Direttiva 91/271/KEE fl-agglomerazzjonijiet ta' Kočevje, Trbovlje, u Loka; u

   — konformement mal-Artikolu 15 u mal-Anness I(B) u (D) tad-Direttiva 91/271/KEE fl-agglomerazzjonijiet ta' Ljubljana u Ptuj,

   ir-Repubblika tas-Slovenja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha bis-saħħa tal-Artikoli 4, 5 u 15 kif ukoll tal-Anness I (B) u (D) tad-Direttiva 91/271/KEE.

2. tikkundanna lir-Repubblika tas-Slovenja għall-ispejjeż.

## Motivi u argumenti prinċipali

Din il-kawża tikkonċerna l-implimentazzjoni fis-Slovenja tad-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE tal-21 ta' Mejju 1991 dwar it-trattament ta' l-ilma urban mormi. It-tilwima toriġina minn proċedura twila u vasta intiża biex jiġi stabbilit nuqqas ta' twettiq ta' obbligi taħt id-dritt tal-Unjoni li ilu jseħħ sa mill-2014 u li fil-kuntest tiegħu l-Kummissjoni stabbilixxiet għadd ta' ksur.

Is-suġġett tal-ksur huwa n-nuqqas ta' konformità mad-Direttiva tal-ilma mormi minn agglomerazzjonijiet u ħarsien inadegwat ta' skariki mill-impjanti ta' trattament tal-komuni. In-numru tal-agglomerazzjonijiet li ma humiex konformi nbidel matul il-proċedura peress li, ċertament, ġie rrimedjat ċertu numru ta' ksur matul dan il-perijodu. Madankollu parti mill-agglomerazzjonijiet għadhom f'qagħda ta' ksur u dan jagħti lok għar-rikors preżenti.

[1] ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 26.

# IL-QORTI ĠENERALI

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Mejju 2022 – Larko vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-423/14 RENV)** ([1])

***("Għajnuna mill-Istat – Għajnuna mogħtija mill-Greċja – Deċiżjoni li tiddikjara l-għajnuna inkompatibbli mas-suq intern – Kunċett ta' għajnuna mill-Istat – Vantaġġ – Prinċipju ta' operatur privat – Primjum ta' garanzija – Impriżi f'diffikultà – Għarfien mill-awtoritajiet Griegi – Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' garanziji – Żball manifest ta' evalwazzjoni")***

(2022/C 257/38)

*Lingwa tal-kawża: il-Grieg*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Larko Geniki Metalleftiki kai Metallourgiki AE (Ateni, il-Grecja) (rappreżentanti: I. Drillerakis, E. Rantos u N. Korogiannakis, avukati)

*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentant: A. Bouchagiar, aġent)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/539/UE tas-27 ta' Marzu 2014 dwar l-Għajnuna mill-Istat SA.34572 (13/C) (ex 13/NN) implimentata mill-Greċja għal Larco General Mining & Metallurgical Company S.A. (ĠU 2014, L 254, p. 24).

**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Larko Geniki Metalleftiki kai Metallourgiki AE għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea fil-Kawżi T-423/14 u T-423/14 RENV kif ukoll fil-Kawża C-244/18 P.

([1]) ĠU C 292, 1.9.2014.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Mejju 2022 – OC vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-384/20)** ([1])

***("Responsabbiltà mhux kuntrattwali – Investigazzjoni tal-OLAF – Stqarrija għall-istampa – Ipproċessar ta' data ta' natura personali – Preżunzjoni ta' innoċenza – Kunfidenzjalità tal-investigazzjonijiet tal-OLAF – Dritt għal amministrazzjoni tajba – Proporzjonalità – Ksur biżżejjed serju ta' dispożizzjoni li tagħti drittijiet lill-individwi")***

(2022/C 257/39)

*Lingwa tal-kawża: il-Grieg*

**Partijiet**

*Rikorrent:* OC (rappreżentanti: P. Yatagantzidis u V. Cheirdaris, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Baquero Cruz u T. Adamopoulos, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 268 TFUE u intiża għall-għoti ta’ kumpens għad-dannu li r-rikorrenti sostniet minħabba l-pubblikazzjoni tal-Istqarrija għall-istampa Nru 13/2020 tal-OLAF tal-5 ta’ Mejju 2020, sa fejn ikkostitwixxiet ttrattament illegali tad-data personali tagħha u tat informazzjoni falza dwarha.

**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) OC hija kkundannata għall-ispejjeż

[1] ĠU C 279, 24.8.2020.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta’ Mejju 2022 – Advanced Superabrasives vs EUIPO – Adi (ASI ADVANCED SUPERABRASIVES)**

**(Kawża T-4/21)** [1]

***(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta’ oppożizzjoni – Applikazzjoni għal trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva ASI ADVANCED SUPERABRASIVES – Trade marks tal-Unjoni Ewropea figurattiva u verbali preċedenti ADI – Raġuni relattiva għal rifjut – Probabbiltà ta’ konfużjoni – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001) – Rinviju tal-każ quddiem id-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni – Artikolu 71(1) tar-Regolament 2017/1001 – Artikolu 27(3)(b) tar-Regolament Delegat (UE) 2018/625”)***

(2022/C 257/40)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Advanced Superabrasives, Inc. (Mars Hill, North Carolina, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: D. Piróg u A. Rytel, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: V. Ruzek, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Adi Srl (Thiene, l-Italja) (rappreżentant: B. Saguatti, avukata)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-23 ta’ Ottubru 2020 (Każ R 2713/2019-2), dwar proċedimenti ta’ oppożizzjoni bejn Adi u Advanced Superabrasives.

**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Advanced Superabrasives, Inc. hija kkundannata għall-ispejjeż.

[1] ĠU C 62, 22.2.2021.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Mejju 2022 – Deichmann vs EUIPO – Munich (Rappreżentazzjoni ta' żewġ strixxi li jinkroċjaw fuq il-ġenb ta' żarbun)**

**(Kawża T-117/21)** [1]

***("Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità – Trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva li tirrappreżenta salib fuq il-ġenb ta' żarbun tal-isports – Artikolu 7(1)(b) u Artikolu 51(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li saru l-Artikolu 7(1)(b) u l-Artikolu 59(1)(a) tar-Regolament (UE) 2017/1001) – Artikolu 94(1) tar-Regolament 2017/1001")***

(2022/C 257/41)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

## Partijiet

*Rikorrent:* Deichmann SE (Essen, il-Ġermanja) (rappreżentant: C. Onken, avukata)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: D. Gája u V. Ruzek, aġenti)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Munich, SL (La Torre de Claramunt, Spanja) (rappreżentanti: J. Güell Serra u M. Guix Vilanova, avukati)

## Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-7 ta' Diċembru 2020 (Każ R 2882/2019-4), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Deichmann u Munich.

## Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Deichmann SE hija kkundannata għall-ispejjeż tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) u ta' Munich, SL.

[1] ĠU C 128, 12.4.2021.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Mejju 2022 – Fidelity National Information Services vs EUIPO – IFIS (FIS)**

**(Kawża T-237/21)** [1]

***("Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta' oppożizzjoni – Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni FIS – Trade mark verbali tal-Unjoni preċedenti IFIS – Raġuni relattiva għal rifjut – Probabbiltà ta' konfużjoni – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001)")***

(2022/C 257/42)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

## Partijiet

*Rikorrent:* Fidelity National Information Services, Inc. (Jacksonville, Florida, l-Istati Uniti) (rappreżentant: P. Wilhelm, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: T. Frydendahl u V. Ruzek, aġenti)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO:* Banca IFIS SpA (Mestre, l-Italja)

## Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-26 ta' Frar 2021 (Każ R 1460/2020-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Banca IFIS u Fidelity National Information Services.

**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Fidelity National Information Services, Inc. hija kkundannata għall-ispejjeż.

(1) ĠU C 252, 28.6.2021.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta’ Mejju 2022 – Bodegas Beronia vs EUIPO – Bodegas Carlos Serres (ALEGRA DE BERONIA)**

**(Kawża T-298/21)** (1)

***(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta’ oppożizzjoni – Applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea ALEGRA DE BERONIA – Trade mark verbali nazzjonali preċedenti ALEGRO – Raġuni relattiva għal rifjut – Assenza ta’ probabbiltà ta’ konfużjoni – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001”)***

(2022/C 257/43)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Bodegas Beronia, SA (Ollauri, Spanja) (rappreżentant: J. Mora Cortés, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: R. Raponi u J. Ivanauskas, aġenti)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Bodegas Carlos Serres, SL (Haro, Spanja) (rappreżentanti: F. Pérez Álvarez u J. Pérez Itarte, avukati)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-12 ta’ Marzu 2021 (Każ R 2013/2020-1), dwar proċedimenti ta’ oppożizzjoni bejn Bodegas Carlos Serres u Bodegas Beronia.

**Dispożittiv**

1) Id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tat-12 ta’ Marzu 2021 (Każ R 2013/2020-1) hija annullata.

2) L-EUIPO għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll nofs l-ispejjeż sostnuti minn Bodegas Beronia, SA, inkluż nofs l-ispejjeż indispensabbli sostnuti minnha għall-finijiet tal-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO.

3) Bodegas Carlos Serres, SL, għandha tbati l-ispejjeż tagħha kif ukoll nofs l-ispejjeż sostnuti minn Bodegas Beronia, inkluż nofs l-ispejjeż indispensabbli sostnuti minnha għall-finijiet tal-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO.

(1) ĠU C 278, 12.7.2021.

---

**Rikors ippreżentat fid-29 ta’ April 2022 – Usmanov vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-237/22)**

(2022/C 257/44)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Alisher Usmanov (Tachkent, l-Użbekistan) (rappreżentant: J. Grand d’Esnon, avukat)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— prinċipalment,

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/337 tat-28 ta' Frar 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna ([1]), sa fejn din tirrigwarda lil A. Usmanov;

— tannulla r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/336 tat-28 ta' Frar 2022 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna ([2]), sa fejn dan jirrigwarda lil A. Usmanov;

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/329 tal-25 ta' Frar 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna ([3]);

— tannulla r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/330 tal-25 ta' Frar 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna ([4]);

— sussidjarjament,

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/337 tat-28 ta' Frar 2022, sa fejn din tirrigwarda lil A. Usmanov;

— tannulla r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/336 tat-28 ta' Frar 2022, sa fejn dan jirrigwarda lil A. Usmanov;

— tannulla l-Artikolu 1(2)(f) u (g) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/329 tal-25 ta' Frar 2022;

— tannulla l-Artikolu 1(1)(f) u (g) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/330 tal-25 ta' Frar 2022;

— u f'kull każ,

— tikkundanna lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jħallas lill-A. Usmanov is-somma ta' EUR 20 000 b'applikazzjoni tal-Artikolu 140(b) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali bħala spejjeż li huwa kellu jsostni sabiex jiddefendi l-interessi tiegħu.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka disa' motivi li huma essenzjalment identiċi jew simili għal dawk invokati fil-kuntest tal-Kawża T-234/22, Ismailova vs Il-Kunsill.

([1]) ĠU 2022, L 59, p. 1, rettifika fil-ĠU 2022, L 67, p. 112.
([2]) ĠU 2022, L 58, p. 1, rettifika fil-ĠU 2022, L 67, p. 113.
([3]) ĠU 2022, L 50, p. 1.
([4]) ĠU 2022, L 51, p. 1.

**Rikors ippreżentat fid-29 ta' April 2022 – Narzieva vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-238/22)**

(2022/C 257/45)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Saodat Narzieva (Tachkent, l-Użbekistan) (rappreżentanti: J. Grand d'Esnon, avukat)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— prinċipalment, tannulla:

— id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/582 tat-8 ta' April 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna ([1]), sa fejn din tirrigwarda lil S. Narzieva;

— ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/581 tat-8 ta' April 2022 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna ([2]), sa fejn dan tirrigwarda lil S. Narzieva;

— id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/329 tal-25 ta' Frar 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna ([3]);

— ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/330 tal-25 ta' Frar 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna ([4]).

— sussidjarjament, tannulla:

— id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/582 tat-8 ta' April 2022, sa fejn din tirrigwarda lil S. Narzieva;

— ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/581 tat-8 ta' April 2022, sa fejn dan jirrigwarda lil S. Narzieva;

— l-Artikolu 1(2)(f) u (g) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/329 tal-25 ta' Frar 2022;

— l-Artikolu 1(1)(f) u (g) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/330 tal-25 ta' Frar 2022.

— u f'kull każ tikkundanna lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jħallas lill-S. Narzieva s-somma ta' EUR 20 000 b'applikazzjoni tal-Artikolu 140(b) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali bħala spejjeż li hija kellha ssostni sabiex tiddefendi l-interessi tagħha.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka disa' motivi li huma essenzjalment identiċi jew simili għal dawk invokati fil-kuntest tal-Kawża T-234/22, Ismailova vs Il-Kunsill.

([1]) ĠU 2022, L 110, p. 55, rettifika fil-ĠU 2022, L 141, p. 131.
([2]) ĠU 2022, L 110, p. 3, rettifika fil-ĠU 2022, L 141, p. 130.
([3]) ĠU 2022, L 50, p. 1.
([4]) ĠU 2022, L 51, p. 1.

---

**Rikors ippreżentat fit-13 ta' Mejju 2022 – Yanukovych vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-256/22)**

(2022/C 257/46)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Viktor Fedorovych Yanukovych (Rostov-on Don, ir-Russja) (rappreżentant: B. Kennelly, Barrister)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/376 tat-3 ta' Marzu 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/119/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna ([1]) u Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/375 tat-3 ta' Marzu 2022 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 208/2014 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna ([2]), sa fejn jirrigwardaw lir-rikorrent; u

— tikkundanna lill-Kunsill iħallas l-ispejjeż tar-rikorrent f'din il-kawża.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq il-fatt li l-Kunsill ma vverifikax u ma setax jivverifika li d-deċiżjoni(jiet) tal-Awtoritajiet Ukraini li fuqhom bbaża ruħu meta inkluda lir-rikorrent, ġew adottati skont id-drittijiet fundamentali tad-difiża tal-Unjoni Ewropea u għal protezzjoni ġudizzjarju effettiv tiegħu.

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq il-fatt li l-Kunsill għamel żbalji manifesti ta' evalwazzjoni meta ddetermina li l-kriterju ta' nomina kien issodisfat. B'mod partikolari, il-Kunsill aċċetta l-materjal ipprovdut mill-Awtoritajiet Ukraini mingħajr ebda eżami xieraq u/jew mingħajr ma jqis l-ineżattezzi identifikati mir-rikorrent. Il-Kunsill kellu jwettaq kontrolli addizzjonali u kellu jitlob iktar provi mill-Awtoritajiet Ukraini fid-dawl tal-osservazzjonijiet li ssottometta r-rikorrent u l-provi skaġunanti li pproduċa, iżda l-inkjesti limitati tal-Kunsill ma laħqux dak li kien meħtieġ. B'konsegwenza ta' dan, ma hemm l-ebda bażi fattwali solida biżżejjed għas-Sanzjonijiet tal-2022

3. It-tielet motiv, ibbażat fuq il-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà tar-rikorrent taħt l-Artikolu 17(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, peress li, fost l-oħrajn, il-miżuri restrittivi huma inġustifikati, restrizzjoni mhux meħtieġa u sproporzjonata fuq dawk id-drittijiet, minħabba li: (i) ma hemm l-ebda suġġeriment li kwalunkwe fondi allegatament approprjati indebitament mir-rikorrent jitqiesu li ġew ittrasferiti barra l-Ukraina; (ii) il-miżuri domestiċi Ukraini kienu jkunu ċarament adegwati u suffiċjenti; u (iii) il-miżuri restrittivi issa ilhom fis-seħħ għal tmien snin u, għal darba oħra, ġew imposti fuq il-bażi ta' investigazzjonijiet preproċesswali li huma, fir-realtà b'mod ovvju, mejta u/jew għall-inqas fi staġnar totali u, fir-rigward ta' waħda minnhom, li l-Kunsill ma ppruvax jibbaża ruħu fuqha fl-ebda waħda mis-sentejn preċedenti.

([1]) ĠU 2022, L 70, p. 7.
([2]) ĠU 2022, L 70, p. 4.

**Rikors ippreżentat fit-13 ta' Mejju 2022 – Yanukovych vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-257/22)**

(2022/C 257/47)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Oleksandr Viktorovych Yanukovych (Saint Petersburg, ir-Russja) (rappreżentant: B. Kennely, Barrister)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/376 tat-3 ta' Marzu 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/119/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna ([1]) u Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/375 tat-3 ta' Marzu 2022 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 208/2014 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna ([2]), sa fejn jirrigwardaw lir-rikorrent; u

— tikkundanna lill-Kunsill iħallas l-ispejjeż tar-rikorrent f'din il-kawża.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq il-fatt li l-Kunsill ma vverifikax u ma setax jivverifika li d-deċiżjoni(jiet) tal-Awtoritajiet Ukraini li fuqhom bbaża ruħu meta inkluda lir-rikorrent, ġew adottati skont id-drittijiet fundamentali tad-difiża tal-Unjoni Ewropea u għal protezzjoni ġudizzjarju effettiv tiegħu.

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq il-fatt li l-Kunsill għamel żbalji manifesti ta' evalwazzjoni meta ddetermina li l-kriterju ta' nomina kien issodisfat. B'mod partikolari, il-Kunsill aċċetta l-materjal ipprovdut mill-Awtoritajiet Ukraini mingħajr ebda eżami xieraq u/jew mingħajr ma jqis l-ineżattezzi identifikati mir-rikorrent. Il-Kunsill kellu jwettaq kontrolli addizzjonali u kellu jitlob iktar provi mill-Awtoritajiet Ukraini fid-dawl tal-osservazzjonijiet li ssottometta r-rikorrent u l-provi skaġunanti li pproduċa, iżda l-inkjesti limitati tal-Kunsill ma laħqux dak li kien meħtieġ. B'konsegwenza ta' dan, ma hemm l-ebda bażi fattwali solida biżżejjed għas-Sanzjonijiet tal-2022

3. It-tielet motiv, ibbażat fuq il-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà tar-rikorrent taħt l-Artikolu 17(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, peress li, fost l-oħrajn, il-miżuri restrittivi huma inġustifikati, restrizzjoni mhux meħtieġa u sproporzjonata fuq dawk id-drittijiet, minħabba li: (i) ma hemm l-ebda suġġeriment li kwalunkwe fondi allegatament approprjati indebitament mir-rikorrent jitqiesu li ġew ittrasferiti barra l-Ukraina; (ii) il-miżuri domestiċi Ukraini kienu jkunu ċarament adegwati u suffiċjenti; u (iii) il-miżuri restrittivi issa ilhom fis-seħħ għal tmien snin u, għal darba oħra, ġew imposti fuq il-bażi ta' investigazzjoni preproċesswali li hija, fir-realtà b'mod ovvju, mejta u/jew għall-inqas fi staġnar totali u, fir-rigward ta' waħda minnhom, li l-Kunsill ma ppruvax jibbaża ruħu fuqha fl-ebda waħda mis-sentejn preċedenti.

(1) ĠU 2022, L 70, p. 7.
(2) ĠU 2022, L 70, p. 4.

**Rikors ippreżentat fit-12 ta' Mejju 2022 – BSW – management company of "BMC" holding vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-258/22)**

(2022/C 257/48)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* AAT Byelorussian Steel Works – management company of "Byelorussian Metallurgical Company" holding (BSW – management company of "BMC" holding) (Zhlobin, il-Bjelorussja) (rappreżentanti: N. Tuominen u L. Engelen, avukati)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/356 tat-2 ta' Marzu 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja (1), u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/355 tat-2 ta' Marzu 2022 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 765/2006 (2), fl-intier tagħhom sa fejn jaffettwaw lir-rikorrenti; u

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq li l-miżuri kkontestati jiksru l-obbligu ta' motivazzjoni, jiksru d-dritt għal smigħ xieraq u jiksru d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva.

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq li l-miżuri kkontestati jiksru l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u jikkostitwixxu użu ħażin ta' poter.

3. It-tielet motiv, ibbażat fuq il-fatt li l-miżuri kkontestati huma sproporzjonati, imorru lil hinn mill-kompetenzi leġiżlattivi tal-Unjoni u jiksru d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti.

(1) ĠU 2022, L 67, p. 103.
(2) ĠU 2022, L 67, p. 1.

**Rikors ippreżentat fit-12 ta' Mejju 2022 – Mostovdrev vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-259/22)**

(2022/C 257/49)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* AAT Mostovdrev (Mosty, il-Bjelorussja) (rappreżentanti: N. Tuominen u L. Engelen, avukati)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/356 tat-2 ta' Marzu 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja (1), u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/355 tat-2 ta' Marzu 2022 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 765/2006 (2), fl-intier tagħhom sa fejn jaffettwaw lir-rikorrenti; u

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq li l-miżuri kkontestati jiksru l-obbligu ta' motivazzjoni, jiksru d-dritt għal smigħ xieraq u jiksru d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva.

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq li l-miżuri kkontestati jiksru l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u ta'użu ħażin ta' poter.

3. It-tielet motiv, ibbażat fuq il-fatt li l-miżuri kkontestati huma sproporzjonati, imorru lil hinn mill-kompetenzi leġiżlattivi tal-Unjoni u jiksru d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti.

(1) ĠU 2022, L 67, p. 103.
(2) ĠU 2022, L 67, p. 1.

**Rikors ippreżentat fit-13 ta' Mejju 2022 – mBank vs EUIPO – European Merchant Bank (EMBANK European Merchant Bank)**

**(Kawża T-261/22)**

(2022/C 257/50)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* mBank S.A. (Varsavja, il-Polonja) (rappreżentant: E. Skrzydło Tefelska u M. Stępkowski, lawyers)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* European Merchant Bank UAB (Vilnjus, il-Litwanja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea EMBANK European Merchant Bank – Trade mark tal-Unjoni Nru 18 048 966

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti ta' kanċellazzjoni

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-22 ta' Frar 2022 fil-Każ R 1845/2020-5

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali joghġobha:

— tbiddel id-deċiżjoni kkontestata u tilqa' r-rikors għal dikjarazzjoni ta' invalidità kollu kemm hu;

— tikkundanna lill-EUIPO u lill-intervenjenti għall-ispejjeż tagħhom stess u dawk sostnuti mir-rikorrenti, inklużi dawk tal-proċedimenti quddiem l-EUIPO.

**Motivi invokati**

— Ksur tal-Artikoli 8(1)(b) u 60(1)(a) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

— Ksur tal-Artikolu 95(2) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill moqri flimkien mal-Artikolu 27(4) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (EU) 2018/625.

---

**Rikors ippreżentat fit-13 ta' Mejju 2022 – CCCME *et* vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-263/22)**

(2022/C 257/51)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* China Chamber of Commerce for Import and Export of Machinery and Electronic Products (CCCME) (Bejing, iċ-Ċina) u tmienja oħra (rappreżentanti: R. Antonini, E. Monard u B. Maniatis, avukati)

*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali joghġobha:

— tannulla r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/191 tas-16 ta' Frar 2022 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq ċerti elementi tal-irbit tal-ħadid jew tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ([1]), sa fejn dan jirrelata maċ-CCCME, mal-kumpanniji individwali, u mal-membri kkonċernati; u

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrenti tinvoka disa' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-ksur mill-Kummissjoni tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku u tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba fid-determinazzjoni tagħha tal-valur normali.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq in-nuqqas tal-Kummissjoni li tiżgura paragun ġust fid-determinazzjoni tagħha ta' dumping bi ksur tal-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq il-ksur mill-Kummissjoni tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku u tal-Artikolu 6.8 u tal-Anness II tal-Ftehim antidumping tal-WTO fl-użu tagħha ta’ fatti disponibbli għad-determinazzjoni tal-ħaddiema.

4. Ir-raba’ motiv ibbażat fuq il-ksur mill-Kummissjoni tal-Artikolu 9(6) tar-Regolament bażiku fid-determinazzjoni tagħha tal-marġni ta’ dumping għall-produtturi esportaturi li kkooperaw iżda li ma kinux fil-kampjun.

5. Il-ħames motiv ibbażat fuq in-nuqqas tal-Kummissjoni li twettaq eżami oġġettiv tad-dannu u tar-rabta kawżali abbażi ta’ provi pożittivi bi ksur tal-Artikoli 3(2), 3(3), 3(5) u 3(6), flimkien mal-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku.

6. Is-sitt motiv ibbażat fuq il-fatt li l-analiżi tat-twaqqigħ tal-prezz tal-Kummissjoni tikser l-Artikoli 3(2), 3(3) u 9(4) tar-Regolament bażiku.

7. Is-seba’ motiv ibbażat fuq in-nuqqas tal-Kummissjoni li twettaq paragun ġust fl-evalwazzjoni tagħha tal-effetti tal-prezz bi ksur tal-Artikoli 3(2), 3(3), 3(6) u 9(4) tar-Regolament bażiku.

8. It-tmien motiv ibbażat fuq in-nuqqas tal-Kummissjoni li twettaq eżami oġġettiv ibbażat fuq provi pożittivi fir-rigward tal-indikaturi tad-dannu, bi ksur tal-Artikoli 3(2) u 3(5) tar-Regolament bażiku.

9. Id-disa’ motiv ibbażat fuq il-ksur mill-Kummissjoni tal-Artikolu 6(7), tal-Artikolu 19(1), (2) u (3) u tal-Artikolu 20(2) u (4) tar-Regolament bażiku, kif ukoll tad-drittijiet tad-difiża.

(1) ĠU 2022, L 36, p. 1.

---

**Rikors ippreżentat fit-13 ta’ Mejju 2022 – PSCC 2012 vs EUIPO – Starwood Hotels & Resorts Worldwide (LA BOTTEGA W)**

**(Kawża T-265/22)**

(2022/C 257/52)

*Lingwa tar-rikors: it-Taljan*

**Partijiet**

*Rikorrent:* PSCC 2012 Srl (Ruma, l-Italja) (rappreżentant: P. Alessandrini u E. Montelione, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Starwood Hotels & Resorts Worldwide LLC (Bethesda, Maryland, l-Istati Uniti)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea “LA BOTTEGA W” – Trade mark tal-Unjoni Nru 11 592 581

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-24 ta’ Frar 2022 fil-Każ R 621/2019-2

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla u tbiddel id-deċiżjoni kkontestata u tiċħad it-talba għal dikjarazzjoni ta’ invalidità tat-trade mark LA BOTTEGA W;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motivi invokati**

— Ksur tal-Artikoli 60 u 8 tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

— Ksur tal-Artikolu 42 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Bordijiet tal-Appell.

— Ksur tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

## Rikors ippreżentat fis-16 ta' Mejju 2022 – Consulta vs EUIPO – Karlinger (ACASA)

## (Kawża T-267/22)

(2022/C 257/53)

*Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Consulta GmbH (Cham, l-Isvizzera) (rappreżentanti: M. Kinkeldey u S. Brandstätter, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Mario Karlinger (Sölden, l-Awstrija)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrenti

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea "ACASA" – Trade mark tal-Unjoni Nru 7 587 165

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti ta' kanċellazzjoni

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-24 ta' Jannar 2022 fil-Każ R 487/2021-1

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motivi invokati**

— Ksur tal-Artikolu 59(1)(a) moqri flimkien mal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

— Ksur tal-Artikolu 72(2) moqri flimkien mal-Artikolu 94(1) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

— Ksur tal-prinċipji żviluppati fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea għall-interpretazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

## Rikors ippreżentat fis-17 ta' Mejju 2022 – Pumpyansky vs Il-Kunsill

## (Kawża T-270/22)

(2022/C 257/54)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Dmitry Alexandrovich Pumpyansky (Ekaterinburg, ir-Russja) (rappreżentanti: G. Lansky, P. Goeth, A. Egger, avukati)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— bis-saħħa tal-Artikolu 263 TFUE tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/397 tad-9 ta’ Marzu 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta’ azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna [1], kif ukoll ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/396 tad-9 ta’ Marzu 2022 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta’ azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna [2] (iktar ’il quddiem l-“atti kkontestati”), sa fejn huma jikkonċernaw lir-rikorrent; u

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż skont l-Artikolu 134 tar-Regoli tal-Proċedura.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, inkluż id-dritt għal ħajja privata u tal-familja, tad-dar u tal-komunikazzjonijiet, kif ukoll id-dritt għal proprjetà.

   — Bl-inklużjoni ta’ isem ir-rikorrent fil-lista fl-atti kkontestati, il-Kunsill kiser il-prinċipju ta’ proporzjonalità u bbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq liġi li ma hijiex konformi mar-rekwiżit ta’ prevedibbiltà taħt l-Artikolu 52 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq allegat żball ta’ evalwazzjoni mwettaq mill-Kunsill meta inkluda isem ir-rikorrent fl-annessi tal-atti kkontestati.

   — Ir-raġunijiet tal-Kunsill għall-inklużjoni ta’ isem ir-rikorrent fil-lista huma materjalment ivvizzjati bi żbalji.

   — Il-Kunsill jonqos milli jidentifika r-raġunijiet individwali, speċifiċi u konkreti għalfejn miżuri restrittivi ġew imposti fuq ir-rikorrent u r-raġunijiet invokati ma humiex biżżejjed iddettaljati, kuntrarjament għall-obbligi tal-Kunsill.

   — Il-provi prodotti huma insuffiċjenti sabiex jissostanzjaw l-inklużjoni ta’ isem ir-rikorrent fil-lista permezz tal-atti kkontestati.

(1) ĠU 2022, L 80, p. 31, rettifika fil-ĠU 2022, L 117, p. 118.
(2) ĠU 2022, L 80, p. 1, rettifika fil-ĠU 2022, L 117, p. 117.

**Rikors ippreżentat fis-17 ta’ Mejju 2022 – Melnichenko vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-271/22)**

(2022/C 257/55)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Andrey Melnichenko (St. Moritz, l-Isvizzera) (rappreżentanti: G. Lansky, P. Goeth, A. Egger, avukati)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— bis-saħħa tal-Artikolu 263 TFUE tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/397 tad-9 ta’ Marzu 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta’ azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna [1], kif ukoll ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/396 tad-9 ta’ Marzu 2022 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta’ azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna [2] (iktar ’il quddiem l-“atti kkontestati”), sa fejn huma jikkonċernaw lir-rikorrent; u

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż skont l-Artikolu 134 tar-Regoli tal-Proċedura.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, inkluż id-dritt għal ħajja privata u tal-familja, tad-dar u tal-komunikazzjonijiet, kif ukoll id-dritt għal proprjetà.

    — Bl-inklużjoni ta' isem ir-rikorrent fil-lista fl-atti kkontestati, il-Kunsill kiser il-prinċipju ta' proporzjonalità u bbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq liġi li ma hijiex konformi mar-rekwiżit ta' prevedibbiltà taħt l-Artikolu 52 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq allegat żball ta' evalwazzjoni mwettaq mill-Kunsill meta inkluda isem ir-rikorrent fl-annessi tal-atti kkontestati.

    — Ir-raġunijiet tal-Kunsill għall-inklużjoni ta' isem ir-rikorrent fil-lista huma materjalment ivvizzjati bi żbalji.

    — Il-Kunsill jonqos milli jidentifika r-raġunijiet individwali, speċifiċi u konkreti għalfejn miżuri restrittivi ġew imposti fuq ir-rikorrent u r-raġunijiet invokati ma humiex biżżejjed iddettaljati, kuntrarjament għall-obbligi tal-Kunsill.

    — Il-provi prodotti huma insuffiċjenti sabiex jissostanzjaw l-inklużjoni ta' isem ir-rikorrent fil-lista permezz tal-atti kkontestati.

(1) ĠU 2022, L 80, p. 31, rettifika fil-ĠU 2022, L 117, p. 118.
(2) ĠU 2022, L 80, p. 1, rettifika fil-ĠU 2022, L 117, p. 117.

**Rikors ippreżentat fis-17 ta' Mejju 2022 – Pumpyanskaya vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-272/22)**

(2022/C 257/56)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Galina Evgenyevna Pumpyanskaya (Ekaterinburg, ir-Russja) (rappreżentanti: G. Lansky, P. Goeth u A. Egger, avukati)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— bis-saħħa tal-Artikolu 263 TFUE tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/397 tad-9 ta' Marzu 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna [1], kif ukoll ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/396 tad-9 ta' Marzu 2022 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna [2] (iktar 'il quddiem l-"atti kkontestati"), sa fejn huma jikkonċernaw lir-rikorrenti; u

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż skont l-Artikolu 134 tar-Regoli tal-Proċedura.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq allegat żball ta' evalwazzjoni mwettaq mill-Kunsill meta inkluda isem ir-rikorrenti fl-annessi tal-atti kkontestati.

    — Ir-raġunijiet tal-Kunsill għall-inklużjoni ta' isem ir-rikorrenti fil-lista huma materjalment ivvizzjati bi żbalji.

— Il-Kunsill jonqos milli jidentifika r-raġunijiet individwali, speċifiċi u konkreti għalfejn miżuri restrittivi ġew imposti fuq ir-rikorrenti u r-raġunijiet invokati ma humiex biżżejjed iddettaljati, kuntrarjament għall-obbligi tal-Kunsill.

— Il-provi prodotti ma humiex suffiċjenti sabiex tiġi stabbilita rabta kkaraterizzata bejn ir-rikorrenti u r-raġel tar-rikorrenti, peress li l-kriterju ta' "assoċjazzjoni" skont l-atti kkontestati jeżiġi rabta li tmur lil hinn minn sempliċi relazzjoni ta' parentela.

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, inkluż id-dritt għal ħajja privata u tal-familja, tad-dar u tal-komunikazzjonijiet, kif ukoll id-dritt għal proprjetà.

— Bl-inklużjoni ta' isem ir-rikorrenti fil-lista fl-atti kkontestati, il-Kunsill kiser il-prinċipju ta' proporzjonalità u bbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq liġi li ma hijiex konformi mar-rekwiżit ta' prevedibbiltà taħt l-Artikolu 52 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

— Il-miżura arbitrarja imposta fil-konfront tar-rikorrenti hija ekwivalenti għal diskriminazzjoni u trattament mhux ugwali tar-rikorrenti.

---

(1) ĠU 2022, L 80, p. 31, rettifika fil-ĠU 2022, L 117, p. 118.
(2) ĠU 2022, L 80, p. 1, rettifika fil-ĠU 2022, L 117, p. 117.

---

**Rikors ippreżentat fis-17 ta' Mejju 2022 – Groz-Beckert vs EUIPO (Marka ta' pożizzjoni li tikkonsisti fil-kuluri abjad, aħmar medju u aħdar skur fuq imballaġġ f'forma ta' kubu)**

**(Kawża T-276/22)**

(2022/C 257/57)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Groz-Beckert KG (Albstadt, il-Ġermanja) (rappreżentanti: M. Nielen u U. Kaufmann, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tal-marka ta' pożizzjoni li tikkonsisti fil-kuluri abjad, aħmar medju u aħdar skur fuq imballaġġ f'forma ta' kubu – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 18 243 039

*Deċiżjoni kkontestata*: id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-2 ta' Marzu 2022 fil-Każ R 1447/2021-5

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motivi invokati**

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

— Ksur tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 95(1) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

**Rikors ippreżentat fis-17 ta' Mejju 2022 – Groz-Beckert vs EUIPO (Marka ta' pożizzjoni li tikkonsisti fil-kuluri aħmar u abjad fuq imballaġġ f'forma ta' kubu)**

**(Kawża T-277/22)**

(2022/C 257/58)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Groz-Beckert KG (Albstadt, il-Ġermanja) (rappreżentant: M. Nielen u U. Kaufmann, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tal-marka ta' pożizzjoni li tikkonsisti fil-kuluri aħmar u abjad fuq imballaġġ f'forma ta' kubu – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 18 243 038

*Deċiżjoni kkontestata*: id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-2 ta' Marzu 2022 fil-Każ R 1444/2021-5

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motivi invokati**

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

— Ksur tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 95(1) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

**Rikors ippreżentat fit-18 ta' Mejju 2022 – Mazepin vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-282/22)**

(2022/C 257/59)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Dmitry Arkadievich Mazepin (Moska, ir-Russja) (rappreżentanti: D. Rovetta, M. Campa, M. Moretto u V. Villante, avukati)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/397 tad-9 ta' Marzu 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna ([1]), u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/396 tad-9 ta' Marzu 2022 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna ([2]); u

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka erba’ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tal-obbligu li jingħataw motivi, tal-Artikolu 296 TFUE u tal-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, kif ukoll ksur tad-dritt għall-protezzjoni ġudizzjarja effettiva u tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq żball manifest ta’ evalwazzjoni, nuqqas li jaqdi l-oneru tal-prova, ksur tal-kriterji elenkati mniżżla fl-Artikolu 1(1)(a) u (e) u 2(1)(a) u (g) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/CFSP tas-17 ta’ Marzu 2014 u fl-Artikolu 3(1)(a) u (g) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta’ Marzu 2014, it-tnejn dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta’ azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta’ proporzjonalità u l-ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent għal proprjetà u libertà biex imexxi negozju (Artikolu 16 u 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea).

4. Ir-raba’ motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipju fundamentali ta’ nondiskriminazzjoni.

---

(1) ĠU 2022, L 80, p. 31, u rettifiki fil-ĠU 2022, L 117, p. 118, u fil-ĠU 2022, L 156, p. 160.
(2) ĠU 2022, L 80, p. 1, u rettifiki fil-ĠU 2022, L 117, p. 117, u fil-ĠU 2022, L 154, p. 76.

---

**Rikors ippreżentat fid-19 ta’ Mejju 2022 – Moshkovich vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-283/22)**

(2022/C 257/60)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Vadim Nikolaevich Moshkovich (Tambov, ir-Russja) (rappreżentanti: D. Rovetta, M. Campa, T. Bontinck, A. Guillerme, L. Burguin, M. Moretto, V. Villante u M. Pirovano, avukati)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/397 tad-9 ta’ Marzu 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta’ azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (1), u r-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/396 tad-9 ta’ Marzu 2022 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta’ azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (2); u

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka erba’ motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq il-ksur tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva u tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll fuq il-ksur tal-obbligu ta’ motivazzjoni u tal-Artikolu 296 TFUE.

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq allegat żball manifest ta’ evalwazzjoni u ksur tal-kriterji għall-inklużjoni fil-lista stabbiliti fl-Artikolu 1(1) u 2(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta’ Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta’ azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, u fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta’ Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta’ azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina.

3. It-tielet motiv, ibbażat fuq allegat ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità u ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent għal proprjetà u libertà ta' intrapriża (Artikoli 16 u 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea).

4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq allegat ksur tal-prinċipju fundamentali ta' nondiskriminazzjoni.

(1) ĠU 2022, L 80, p. 31, rettifika fil-ĠU 2022, L 117, p. 118.
(2) ĠU 2022, L 80, p. 1, rettifika fil-ĠU 2022, L 117, p. 117.

**Rikors ippreżentat fit-18 ta' Mejju 2022 – Pumpyanskiy vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-291/22)**

(2022/C 257/61)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

## Partijiet

*Rikorrent:* Alexander Dmitrievich Pumpyanskiy (Genève, l-Isvizzera) (rappreżentanti: T. Bontinck, A. Guillerme u L. Burguin, avukati)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

## Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/397 (1) tad-9 ta' Marzu 2022, sa fejn hija tinkludi lir-rikorrent fin-Nru 719 tal-anness ta' din id-deċiżjoni;

— tannulla r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/396 (2), tad-9 ta' Marzu 2022, sa fejn huwa jinkludi lir-rikorrent fin-Nru 719 tal-Anness I ta' dan ir-regolament;

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ħlas tas-somma ta' EUR 100 000, b'mod provviżorju, bħala kumpens għad-dannu morali mġarrab mir-rikorrent;

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

## Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq il-ksur tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva u fuq l-obbligu ta' motivazzjoni tal-amministrazzjoni.

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni fir-rigward tal-motivi invokati mill-Kunsill.

3. It-tielet motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità u tad-drittijiet fundamentali, f'dak li jirrigwarda l-adozzjoni tal-miżuri restrittivi fil-konfront tar-rikorrent u fuq l-indħil mhux iġġustifikat fid-drittijiet fundamentali tiegħu previsti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u tal-prinċipju ta' ċertezza legali, f'dak li jirrigwarda l-applikazzjoni tal-kriterju li jkopri l-persuni "assoċjati" ma' persuni inklużi fil-lista tal-persuni suġġetti għal miżuri restrittivi.

(1) Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/397 tad-9 ta' Marzu 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU 2022, L 80, p. 31, rettifika fil-ĠU 2022, L 117, p. 118).
(2) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/396 tad-9 ta' Marzu 2022 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU 2022, L 80, p. 1, rettifika fil-ĠU 2022, L 117, p. 117).

**Rikors ippreżentat fid-19 ta’ Mejju 2022 – PB vs SRB**

**(Kawża T-293/22)**

(2022/C 257/62)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* PB (rappreżentant: N. de Montigny, avukata)

*Konvenut:* Bord Uniku ta’ Riżoluzzjoni (SRB)

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-Presidenta tas-SRB tas-16 ta’ Lulju 2021 li ma tikklassifikax mill-ġdid lir-rikorrent wara l-eżerċizzju ta’ riklassifikazzjoni 2021;

— sa fejn meħtieġ, tannulla d-Deċiżjoni tas-SRB tal-14 ta’ Frar 2022 li tiċħad l-ilment ippreżentat mir-rikorrent fil-15 ta’ Ottubru 2021 fil-konfront tad-deċiżjoni li ma tikklassifikahx mill-ġdid;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors, ir-rikorrent jinvoka seba’ motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq il-ksur tar-regoli proċedurali applikabbli għall-implimentazzjoni tal-eżerċizzju ta’ klassifikazzjoni mill-ġdid kif previst mill-Artikolu 5 tad-dispożizzjonijiet ġenerali ta’ eżekuzzjoni tal-Artikolu 54 tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni (iktar ’il quddiem id-“DĠE”).

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq l-analiżi żbaljata tal-Artikolu 4 tad-DĠE u l-evalwazzjoni żbaljata tal-livelli ta’ responsabbiltà fil-konfront ta’ servizz u mhux fil-konfront ta’ grad.

3. It-tielet motiv, ibbażat fuq il-ksur tar-regoli ta’ proċedura tal-kumitat imħallat ta’ klassifikazzjoni mill-ġdid u tal-obbligu li jitfassal rapport dwar kull eżerċizzju ta’ evalwazzjoni.

4. Ir-raba’ motiv, ibbażat fuq il-ksur tad-dritt ta’ aċċess għad-dokumenti u l-ksur tal-prinċipji ta’ trasparenza, ta’ prevedibbiltà u ta’ ċertezza legali kif ukoll tal-eżistenza ta’ parzjalità, għall-inqas oġġettiva, minħabba n-nuqqas ta’ informazzjoni f’diversi stadji tal-proċedura.

5. Il-ħames motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-obbligu ta’ motivazzjoni u żbalji mwettqa fil-lista tal-fatturi evalwati.

6. Is-sitt motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Anness II tad-DĠE u tal-medja prospettata stabbilita.

7. Is-seba’ motiv, ibbażat fuq l-iżball manifest ta’ evalwazzjoni tal-fajl tar-rikorrent, tal-merti tiegħu u tal-anzjanità tiegħu meta mqabbel mal-kollegi tiegħu li jagħmlu parti mill-istess direttorat.

---

**Rikors ippreżentat fl-20 ta’ Mejju 2022 – Crush Series Publishing vs EUIPO – Mediaproduccion (The Crush Series)**

**(Kawża T-295/22)**

(2022/C 257/63)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Crush Series Publishing s.r.o. (Praga, ir-Repubblika Ċeka) (rappreżentant: D.-M. Belciu, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Mediaproduccion SLU (Barcelona, Spanja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Applikant għat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrenti

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea The Crush Series – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 18 119 385

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti ta’ oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-15 ta’ Marzu 2022 fil-Każ R 1303/2021-5

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tiċħad l-oppożizzjoni u tammetti l-applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea “The Crush Series”, Nru 18 119 385 sabiex tipproċedi għal reġistrazzjoni;

— tikkundanna lill-EUIPO u lill-intervenjenti għall-ispejjeż inkorsi f’dawn il-proċeduri u fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell.

**Motivi invokati**

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

— Ksur tal-Artikolu 95(1) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

## Rikors ippreżentat fl-20 ta’ Mejju 2022 – BB Services vs EUIPO – Lego Juris (Forma ta’ figurina tal-logħob bi sporġenza fuq ir-ras)

**(Kawża T-297/22)**

(2022/C 257/64)

*Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* BB Services GmbH (Flörsheim am Main, il-Ġermanja) (rappreżentant: M. Krogmann, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Lego Juris A/S (Billund, id-Danimarka)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark tridimensjonali tal-Unjoni Ewropea (Forma ta’ figurina tal-logħob bi sporġenza fuq ir-ras) –Trade mark tal-Unjoni Nru 50 450

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti ta’ kanċellazzjoni

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-16 ta’ Marzu 2022 fil-Każ R 1355/2021-5

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata u tiddikjara invalida t-trade mark tal-Unjoni Nru 50 450;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motivi invokati**

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(e)(i) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(e)(ii) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

**Rikors ippreżentat fl-20 ta' Mejju 2022 – BB Services vs EUIPO – Lego Juris (Forma ta' figurina tal-logħob)**

**(Kawża T-298/22)**

(2022/C 257/65)

*Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* BB Services Gmbh (Flörsheim am Main, il-Ġermanja) (rappreżentant: M. Krogmann, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Lego Juris A/S (Billund, id-Danimarka)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark tridimensjonali tal-Unjoni Ewropea (Forma ta' figurina tal-logħob) – Trade mark tal-Unjoni Nru 50 518

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti ta' kanċellazzjoni

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-16 ta' Marzu 2022 fil-Każ R 1354/2021-5

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata u tiddikjara invalida t-trade mark tal-Unjoni Nru 50 518;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motivi invokati**

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(e)(i) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(e)(ii) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

**Rikors ippreżentat fit-23 ta' Mejju 2022 – Aven vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-301/22)**

(2022/C 257/66)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Petr Aven (Virginia Water, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: T. Marembert u A. Bass, avukati)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/337 ([1]) tat-28 ta' Frar 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, sa fejn din tikkonċerna lir-rikorrent;

— tannulla r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/336 ([2]) tat-28 ta' Frar 2022 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna sa fejn jikkonċerna lir-rikorrent;

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq żball ta' evalwazzjoni. Ir-rikorrent isostni, minn naħa, li l-ebda prova prodotta mill-Kunsill ma tissodisfa r-rekwiżiti tal-ġurisprudenza Ewropea fil-qasam tal-livell u tal-kwalità tal-prova u, min-naħa l-oħra, li l-ebda waħda mill-affermazzjonijiet tal-motivazzjoni tal-Kunsill ma hija stabbilita u b'hekk l-ebda waħda ma tidħol fil-kriterji (a) u (d) tad-Deċiżjoni 2014/145/PESK fil-verżjoni tagħha li kienet fis-seħħ dak iż-żmien, kriterji li huma msemmija b'mod espliċitu mill-Kunsill fil-motivazzjoni tiegħu.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq l-eċċezzjoni ta' illegalità tal-imsemmija kriterju minħabba ksur doppju tal-prinċipju ta' proporzjonalità. Ir-rikorrent iqis, minn naħa, li l-kriterju invokat mill-Kunsill huwa manifestament inadegwat fir-rigward tal-għan imfittex u, min-naħa l-oħra, li kien possibbli li jintużaw mezzi inqas restrittivi.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq in-nuqqas ta' bażi legali, minħabba li ma ġietx stabbilita rabta suffiċjenti bejn il-kategorija ta' individwi koperti minn dan il-kriterju u l-Federazzjoni Russa.

4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq żball ta' evalwazzjoni, minħabba li l-Kunsill la tistabbilixxi li r-rikorrent huwa negozjant prominenti, la li huwa influwenti, u lanqas li huwa attiv fis-setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul għall-gvern tal-Federazzjoni Russa.

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/337 tat-28 ta' Frar 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU 2022, L 59, p. 1, rettifika fil-ĠU 2022, L 67, p. 112).

([2]) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/336 tat-28 ta' Frar 2022 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU 2022, L 58, p. 1, rettifika fil-ĠU 2022, L 67, p. 113).

**Rikors ippreżentat fl-24 ta' Mejju 2022 – Fridman vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-304/22)**

(2022/C 257/67)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Mikhail Fridman (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: T. Marembert u A. Bass, avukati)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/397 [1] tat-28 ta' Frar 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, sa fejn tikkonċerna lir-rikorrent;

— tannulla r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/336 [2] tat-28 ta' Frar 2022 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna sa fejn jikkonċerna lir-rikorrent;

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors, ir-rikorrent jinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq żball ta' evalwazzjoni. Ir-rikorrent isostni, minn naħa, li l-ebda waħda mill-provi prodotti mill-Kunsill ma kienet tissodisfa r-rekwiżiti tal-ġurisprudenza Ewropea fil-qasam tal-istandards ta' kwalità tal-prova u, min-naħa l-oħra, li l-ebda waħda mir-raġunijiet tal-Kunsill ma hija stabbilita u ma jista' titqies li tissodisfa l-kriterji (a) u (d) tad-Deċiżjoni 2014/145/PESK, fil-verżjoni tagħha fis-seħħ dak iż-żmien, liema kriterji huma espliċitament imsemmija mill-Kunsill fil-raġunijiet tiegħu.

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq l-eċċezzjoni ta' illegalità tal-imsemmi kriterju minħabba ksur doppju tal-prinċipju ta' proporzjonalità. Ir-rikorrent isostni, minn naħa, li l-kriterju invokat mill-Kunsill huwa manifestament mhux adegwat fid-dawl tal-għan imfittex u, min-naħa l-oħra, li kienet teżisti l-possibbiltà li jintużaw mezzi inqas vinkolanti.

3. It-tielet motiv, ibbażat fuq nuqqas ta' bażi legali, minħabba li ma ġietx stabbilita rabta suffiċjenti bejn il-kategorija ta' individwi koperti minn dan il-kriterju u l-Federazzjoni Russa.

4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq żball ta' evalwazzjoni, minħabba li l-Kunsill ma jistabbilixxi la li r-rikorrent huwa negozjant prominenti jew ewlieni, u lanqas li huwa attiv fis-setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Federazzjoni Russa.

[1] Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/337 tat-28 ta' Frar 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU 2022, L 59, p. 1).

[2] Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/336 tat-28 ta' Frar 2022 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU 2022, L 58, p. 1).

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
L-2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT